PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali*

**2009/2230(INI)**

30.3.2010

# EMENDI
# 1 - 109

**Abbozz ta' rapport**
**Wojciech Michał Olejniczak**
(PE439.338v02-00)

dwar l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku u l-irwol tal-makroreġjuni fil-politika ta' koeżjoni futura
(2009/2230(INI))

**Emenda 1**
**Jacek Olgierd Kurski, Tomasz Piotr Poręba, Marek Henryk Migalski, Mirosław Piotrowski**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni a (ġdida)**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Lulju dwar l-impatt ambjentali tal-ippjanat pajplajn tal-gass fil-Baħar Baltiku biex jorbot ir-Russja u l-Ġermanja (Petizzjonijiet 0614/2007 u 0952/2006 (2007/2118(INI)),*** |

Or. pl

**Emenda 2**
**Joachim Zeller, Markus Pieper, Sabine Verheyen**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi l-Istrateġija għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku hija proġett pilota għall-istrateġiji futuri relatati mal-makroreġjuni, ***bħall-baċir tad-Danubju, il-Baħar Mediterran, l-Alpi jew l-Ark Atlantiku***, u billi s-suċċess tal-implimentazzjoni ta' din l-istrateġija se jaffettwa direttament l-implimentazzjoni tal-istrateġiji futuri, | B. billi l-Istrateġija għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku hija proġett pilota għall-istrateġiji futuri relatati mal-makroreġjuni, u billi s-suċċess tal-implimentazzjoni ta' din l-istrateġija se jaffettwa direttament ***il-mod li bih tista' ssir*** l-implimentazzjoni tal-istrateġiji futuri, |

Or. de

**Emenda 3**
**Manfred Weber**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| B. billi l-Istrateġija għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku hija proġett pilota għall-istrateġiji futuri relatati mal-makroreġjuni, bħall-baċir tad-Danubju, il-Baħar Mediterran, l-Alpi jew l-Ark Atlantiku, u billi s-suċċess tal-implimentazzjoni ta' din l-istrateġija ***se jaffettwa direttament*** l-implimentazzjoni tal-istrateġiji futuri, | B. billi l-Istrateġija għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku hija proġett pilota għall-istrateġiji futuri relatati mal-makroreġjuni, bħall-baċir tad-Danubju, il-Baħar Mediterran, l-Alpi jew l-Ark Atlantiku, u billi s-suċċess tal-implimentazzjoni ta' din l-istrateġija ***jista' jkun mudell għall-***implimentazzjoni tal-istrateġiji futuri, |

Or. de

**Emenda 4**
**Richard Seeber**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| B. billi l-Istrateġija għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku hija proġett pilota għall-istrateġiji futuri relatati mal-makroreġjuni, bħall-***baċir*** tad-Danubju, il-Baħar Mediterran, l-Alpi jew l-Ark Atlantiku, u billi s-suċċess tal-implimentazzjoni ta' din l-istrateġija se jaffettwa direttament l-implimentazzjoni tal-istrateġiji futuri, | B. billi l-Istrateġija għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku hija proġett pilota għall-istrateġiji futuri relatati mal-makroreġjuni, bħall-***pajjiżi*** tad-Danubju, il-Baħar Mediterran, l-Alpi jew l-Ark Atlantiku, u billi s-suċċess tal-implimentazzjoni ta' din l-istrateġija se jaffettwa direttament l-implimentazzjoni tal-istrateġiji futuri, |

Or. de

**Emenda 5**
**Ian Hudghton, François Alfonsi, Elisabeth Schroedter**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| B. billi l-Istrateġija għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku hija proġett pilota għall-istrateġiji futuri relatati mal-makroreġjuni, bħall- | B. billi l-Istrateġija għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku hija proġett pilota għall-istrateġiji futuri relatati mal-makroreġjuni, bħall- |

| | |
|---|---|
| baċir tad-Danubju, il-Baħar Mediterran, l-Alpi jew l-Ark Atlantiku, u billi s-suċċess tal-implimentazzjoni ta' din l-istrateġija se jaffettwa direttament l-implimentazzjoni tal-istrateġiji futuri, | baċir tad-Danubju, il-Baħar Mediterran, ***il-Baħar tat-Tramuntana***, l-Alpi jew l-Ark Atlantiku, u billi s-suċċess tal-implimentazzjoni ta' din l-istrateġija se jaffettwa direttament l-implimentazzjoni tal-istrateġiji futuri, |

Or. en

**Emenda 6**
**Radvilė Morkūnaitė-Mikulėnienė**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Premessa D a (ġdida)**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Da. Minħabba li l-Baħar Baltiku jibqa' l-aktar baħar imniġġeż fl-Unjoni Ewropa u l-proġetti ta' infrastruttura tal-enerġija fuq skala kbira li huma implimentati fil-Baħar Baltiku stess kif ukoll fit-territorji madwaru (b'mod speċjali fil-pajjiżi terzi) ma jgħinux fis-sitwazzjoni,*** |

Or. lt

**Emenda 7**
**Riikka Manner**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jilqa' b'sodisfazzjon, b'mod partikolari, il-fatt li din l-istrateġija tirriżulta minn konsultazzjoni twila tal-partijiet interessati fi ħdan l-Istati Membri, mhux biss fil-livell tal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, iżda wkoll fil-livell tad-dinja akkademika u ta' dik tal-intrapriżi kif ukoll tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi; jinsab konvint li l-proċess ta' konsultazzjoni u ta' sħubija tal-imsieħba, | 2. Jilqa' b'sodisfazzjon, b'mod partikolari, il-fatt li din l-istrateġija tirriżulta minn konsultazzjoni twila tal-partijiet interessati fi ħdan l-Istati Membri, mhux biss fil-livell tal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, iżda wkoll fil-livell tad-dinja akkademika u ta' dik tal-intrapriżi kif ukoll tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi; jinsab konvint li l-proċess ta' konsultazzjoni u ta' sħubija tal-imsieħba, |

| | |
|---|---|
| mill-bidu nett, fl-ambitu tax-xogħlijiet relatati ma' din l-istrateġija huwa fattur determinanti għas-suċċess tagħha; | mill-bidu nett, fl-ambitu tax-xogħlijiet relatati ma' din l-istrateġija huwa fattur determinanti għas-suċċess tagħha ***u f'dan ir-rigward jilqa' l-inizjattiva għal Samit għall-Azzjoni fil-Baħar Baltiku u jitlob għal inizjattivi simili li jqarrbu l-atturi pubbliċi u privati lejn l-istrateġiji makroreġjonali futuri***; |

Or. en

**Emenda 8**
**Tamás Deutsch**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jilqa' b'sodisfazzjon, b'mod partikolari, il-fatt li din l-istrateġija tirriżulta minn konsultazzjoni twila tal-partijiet interessati fi ħdan l-Istati Membri, mhux biss fil-livell tal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, iżda wkoll fil-livell tad-dinja akkademika u ta' dik tal-intrapriżi kif ukoll tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi; jinsab konvint li l-proċess ta' konsultazzjoni u ta' sħubija tal-imsieħba, mill-bidu nett, fl-ambitu tax-xogħlijiet relatati ma' din l-istrateġija huwa fattur determinanti għas-suċċess tagħha; | 2. Jilqa' b'sodisfazzjon, b'mod partikolari, il-fatt li din l-istrateġija tirriżulta minn konsultazzjoni twila tal-partijiet interessati fi ħdan l-Istati Membri, mhux biss fil-livell tal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, iżda wkoll fil-livell tad-dinja akkademika u ta' dik tal-intrapriżi kif ukoll tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi; jinsab konvint li l-proċess ta' konsultazzjoni u ta' sħubija tal-imsieħba, mill-bidu nett, fl-ambitu tax-xogħlijiet relatati ma' din l-istrateġija huwa fattur determinanti għas-suċċess tagħha***, u għalhekk jirrakkomanda ż-żieda tal-involviment tal-komunità lokali billi jifetħu komunikazzjoni u konsultazzjoni aktar wiesgħa u qawwija permezz tal-midja lokali (TV, radji u l-gazzetti stampati u onlajn) ukoll***; |

Or. hu

**Emenda 9**
**Vasilica Viorica Dăncilă**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jilqa' b'sodisfazzjon, b'mod partikolari, il-fatt li din l-istrateġija tirriżulta minn konsultazzjoni twila tal-partijiet interessati fi ħdan l-Istati Membri, mhux biss fil-livell tal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, iżda wkoll fil-livell tad-dinja akkademika u ta' dik tal-intrapriżi kif ukoll tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi; jinsab konvint li l-proċess ta' konsultazzjoni u ta' sħubija tal-imsieħba, mill-bidu nett, fl-ambitu tax-xogħlijiet relatati ma' din l-istrateġija huwa fattur determinanti għas-suċċess tagħha; | 2. Jilqa' b'sodisfazzjon, b'mod partikolari, il-fatt li din l-istrateġija tirriżulta minn konsultazzjoni twila tal-partijiet interessati fi ħdan l-Istati Membri, mhux biss fil-livell tal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, iżda wkoll fil-livell tad-dinja akkademika u ta' dik tal-intrapriżi kif ukoll tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi; jinsab konvint li l-proċess ta' konsultazzjoni u ta' sħubija tal-imsieħba, mill-bidu nett, fl-ambitu tax-xogħlijiet relatati ma' din l-istrateġija huwa fattur determinanti għas-suċċess tagħha; ***it-twaqqif ta' forum tas-soċjetà ċivili fir-Reġjun tal-Baħar Baltiku jista' jippermettilu li jkun involut fl-iżvilupp tal-Istrateġija;*** |

Or. ro

**Emenda 10**
**Riikka Manner**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2 a (ġdid)**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Jilqa' l-Istrateġija tal-UE2020, li hija koerenti mal-miri stabbiliti dwar l-Istrateġija tal-Baħar Baltiku u jinnota li l-UE2020 tista' tieħu azzjoni bħala qafas effiċjenti għall-implimentazzjoni u t-tisħiħ tal-Istrateġija tal-Baħar Baltiku;*** |

Or. en

**Emenda 11**
**Tunne Kelam**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3 a (ġdid)**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Jemmen li l-implimentazzjoni tal-Istrateġija għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku tista' biss tirnexxi jekk ikun hemm koordinazzjoni koerenti fil-livell Ewropew u makroreġjonali;*** |

Or. en

**Emenda 12**
**Tunne Kelam**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3 b (ġdid)**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3b. Jenfasizza l-importanza ta' allokazzjoni ta' fondi adegwati għal-linja tal-baġit tal-UE prevista għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku biex jiġu żgurati l-koperazzjoni u l-koerenza fil-livell Ewropew u l-livell makroreġjonali;*** |

Or. en

**Emenda 13**
**Tunne Kelam**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3 c (ġdid)**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3c. Jinnota li l-fondi tal-Istrateġija tar-Reġjun tal-Baħar Baltiku ma jistgħux ikunu l-istrument għal kwalunkwe*** |

| | |
|---|---|
| | ***koperazzjoni esterna mal-istati terzi fir-Reġjun tal-Baħar Baltiku;*** |

Or. en

**Emenda 14**
**Riikka Manner**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***4. Jenfasizza l-ħtieġa li wieħed jipproċedi għal evalwazzjoni tal-impatti fuq l-ambjent tal-pajplajn tal-gass tat-Tramuntana tal-Ewropa u ta' proġetti oħra ta' dan it-tip kif ukoll il-ħtieġa li wieħed jiżgura li l-bini tal-pajplajns tal-gass ma jkunx ta' ħsara għall-kundizzjonijiet tat-trasport bil-baħar;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 15**
**Victor Boştinaru**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jenfasizza l-ħtieġa li wieħed jipproċedi għal evalwazzjoni tal-impatti fuq l-ambjent tal-pajplajn tal-gass tat-Tramuntana tal-Ewropa ***u ta' proġetti oħra*** ta' dan it-tip ***kif ukoll il-ħtieġa li wieħed jiżgura li l-bini tal-pajplajns tal-gass ma jkunx ta' ħsara għall***-kundizzjonijiet tat-trasport bil-baħar***;*** | 4. Jenfasizza l-ħtieġa li wieħed jipproċedi għal evalwazzjoni tal-impatti fuq l-ambjent tal-pajplajn tal-gass tat-Tramuntana tal-Ewropa, ***li r-riżultati tagħha għandhom jiġu komunikati mingħajr dewmien ulterjuri lill-Parlament Ewropew; jitlob lill-Kummissjoni Ewropea biex tfassal pjan ta' reazzjoni adegwat għall-inċidenti tekniċi u kwalunkwe katastrofi oħra possibbli, u tipprovdi wkoll għal mod kif jiġu trattati dawn l-okkorrenzi mill-perspettiva ekonomika; jenfasizza li l-istess approċċ għandu jiġi adottat għal*** |

| | |
|---|---|
| | ***kwalunkwe proġett futur*** ta' dan it-tip***, sabiex is-sigurtà ambjentali u l-*** kundizzjonijiet tat-trasport bil-baħar ***ma jiġux ipperikolati;*** |

Or. en

**Emenda 16**
**Joachim Zeller, Markus Pieper, Sabine Verheyen**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jenfasizza l-ħtieġa li wieħed jipproċedi għal evalwazzjoni tal-impatti fuq l-ambjent ***tal-pajplajn tal-gass tat-Tramuntana tal-Ewropa u ta' proġetti oħra ta' dan it-tip*** kif ukoll il-ħtieġa li wieħed jiżgura li ***l-bini tal-pajplajns tal-gass*** ma ***jkunx*** ta' ħsara għall-kundizzjonijiet tat-trasport bil-baħar; | 4. Jenfasizza l-ħtieġa li wieħed jipproċedi għal evalwazzjoni tal-impatti fuq l-ambjent ***ta' proġetti tal-infrastruttura tal-enerġija*** kif ukoll il-ħtieġa li wieħed jiżgura li ***tali infrastruttura*** ma ***tkunx*** ta' ħsara għall-kundizzjonijiet tat-trasport bil-baħar; |

Or. de

**Emenda 17**
**Richard Seeber**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jenfasizza l-ħtieġa li wieħed jipproċedi għal evalwazzjoni tal-impatti fuq l-ambjent tal-pajplajn tal-gass tat-Tramuntana tal-Ewropa u ta' proġetti oħra ta' dan it-tip ***kif ukoll il-ħtieġa li wieħed jiżgura li l-bini tal-pajplajns tal-gass ma jkunx ta' ħsara għall-kundizzjonijiet tat-trasport bil-baħar***; | 4. Jenfasizza l-ħtieġa li wieħed jipproċedi għal evalwazzjoni tal-impatti fuq l-ambjent tal-pajplajn tal-gass tat-Tramuntana tal-Ewropa u ta' proġetti oħra ta' dan it-tip***, billi dawn jippreżentaw bidla maġġuri***; |

Or. de

**Emenda 18**
**Jacek Olgierd Kurski, Tomasz Piotr Poręba, Marek Henryk Migalski, Mirosław Piotrowski**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jenfasizza l-ħtieġa li wieħed jipproċedi għal evalwazzjoni tal-impatti fuq l-ambjent tal-pajplajn tal-gass tat-Tramuntana tal-Ewropa u ta' proġetti oħra ta' dan it-tip kif ukoll il-ħtieġa li wieħed jiżgura li l-bini tal-pajplajns tal-gass ma ***jkunx*** ta' ħsara ***għall-***kundizzjonijiet tat-trasport bil-baħar; | 4 Jenfasizza l-ħtieġa li wieħed jipproċedi għal evalwazzjoni tal-impatti fuq l-ambjent tal-pajplajn tal-gass tat-Tramuntana tal-Ewropa u ta' proġetti oħra ta' dan it-tip ***fil-futur, b'konsiderazzjoni, b'mod partikolari, tal-konvenzjonijiet internazzjonali u l-prinċipji tas-solidarjetà fl-enerġija,*** kif ukoll il-ħtieġa li wieħed jiżgura li l-bini tal-pajplajns ma ***jkollux impatt*** ta' ħsara ***fuq il-kompetittività ta' stati partikolari u l-portijiet tal-baħar tagħhom billi jiġu affettwati ħażin il-***kundizzjonijiet tat-trasport bil-baħar; |

Or. pl

**Emenda 19**
**Tunne Kelam**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jenfasizza l-ħtieġa li wieħed jipproċedi għal evalwazzjoni tal-impatti fuq l-ambjent tal-pajplajn tal-gass tat-Tramuntana tal-Ewropa u ta' proġetti oħra ta' dan it-tip kif ukoll il-ħtieġa li wieħed jiżgura li l-bini tal-pajplajns tal-gass ma jkunx ta' ħsara għall-kundizzjonijiet tat-trasport bil-baħar; | 4. Jenfasizza l-ħtieġa li wieħed jipproċedi għal evalwazzjoni ***objettiva u affidabbli*** tal-impatti fuq l-ambjent tal-pajplajn tal-gass tat-Tramuntana tal-Ewropa ***taħt is-superviżjoni tal-Kummissjoni Ewropea qabel il-kostruzzjoni attwali ta' dan*** u ta' proġetti oħra ta' dan it-tip kif ukoll il-ħtieġa li wieħed jiżgura li l-bini tal-pajplajns tal-gass ***fil-kwistjoni*** ma jkunx ta' ħsara għall-kundizzjonijiet tat-trasport bil-baħar ***jew jippreżenta riskji għas-*** |

*sigurtà tal-pajjiżi madwar il-Baħar Baltiku*;

Or. en

**Emenda 20**
**Tamás Deutsch**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jenfasizza l-ħtieġa li wieħed jipproċedi għal evalwazzjoni tal-impatti fuq l-ambjent tal-pajplajn tal-gass tat-Tramuntana tal-Ewropa u ta' proġetti oħra ta' dan it-tip kif ukoll il-ħtieġa li wieħed jiżgura li l-bini tal-pajplajns tal-gass ma jkunx ta' ħsara għall-kundizzjonijiet tat-trasport bil-baħar; | 4. Jenfasizza l-ħtieġa li wieħed jipproċedi għal evalwazzjoni tal-impatti fuq l-ambjent tal-pajplajn tal-gass tat-Tramuntana tal-Ewropa u ta' proġetti oħra ta' dan it-tip kif ukoll il-ħtieġa li wieħed jiżgura li l-bini tal-pajplajns tal-gass ma jkunx ta' ħsara għall-kundizzjonijiet tat-trasport bil-baħar; ***fl-interess tal-iżvilupp sostenibbli u t-tkabbir ambjentali, huwa importanti li tinkiseb protezzjoni ambjentali qawwija fil-makroreġjuni kollha, kif ukoll il-konsiderazzjoni ugwali għall-protezzjoni ambjentali, l-ivvjaġġar u aspetti oħra;*** |

Or. hu

**Emenda 21**
**Jacek Olgierd Kurski, Tomasz Piotr Poręba, Marek Henryk Migalski, Mirosław Piotrowski**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4 a (ġdid)**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Jitlob lill-Kummissjoni Ewropea biex timplimenta r-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament Ewropew fir-riżoluzzjonijiet tiegħu tat-8 ta' Lulju 2008 dwar l-impatt ambjentali tal-ippjanat pajplajn tal-gass fil-Baħar Baltiku li jillinkja r-Russja mal-Ġermanja, inkluż, b'mod partikolari, li*** |

| | |
|---|---|
| | ***twettaq studji indipendenti dwar l-impatt ambjentali tal-Pajplajn tal-Gass tat-Tramuntana u l-konformità tiegħu mal-liġi tal-UE u dik internazzjonali;*** |

Or. pl

**Emenda 22**
**Vasilica Viorica Dăncilă**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4 a (ġdid)**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Jenfasizza l-ħtieġa għat-twaqqif ta' Ċentru ta' Monitoraġġ Ewropew, sistema ta' twissija għall-inċidenti u għat-tniġġiż serju transkonfinali, u forza ta' azzjoni konġunta għal tali sitwazzjonijiet;*** |

Or. ro

**Emenda 23**
**Riikka Manner**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jenfasizza l-importanza strateġika li għandu r-reġjun tal-Baħar Baltiku għall-iżvilupp tal-proġetti għall-użu tal-enerġiji rinnovabbli, bħall-***enerġija mir-riħ jew il-bijomassa,*** *enerġiji* li hemm f'dan ir-reġjun; | 5 Jenfasizza l-importanza strateġika li għandu r-reġjun tal-Baħar Baltiku għall-iżvilupp ta' ***proġetti konġunti dwar l-effiċjenza tal-enerġija u l-infrastruttura tal-enerġija, kif ukoll*** għall-użu tal-enerġiji rinnovabbli, bħall-***bijoenerġija*** li hemm f'dan ir-reġjun; |

Or. en

**Emenda 24**
**Joachim Zeller, Markus Pieper, Sabine Verheyen**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jenfasizza l-importanza strateġika li għandu r-reġjun tal-Baħar Baltiku għall-iżvilupp tal-proġetti għall-użu tal-enerġiji rinnovabbli, bħall-enerġija mir-riħ jew ***il-*** *bijomassa*, *enerġiji* li hemm f'dan ir-reġjun; | 5. Jenfasizza l-importanza strateġika li għandu r-reġjun tal-Baħar Baltiku għall-iżvilupp tal-proġetti għall-użu tal-enerġiji rinnovabbli, bħall-enerġija mir-riħ ***(fuq l-art jew fil-baħar)*** jew ***l-impjanti tal-bijogass għall-****bijofjuwils*, li hemm f'dan ir-reġjun; |

Or. de

**Emenda 25**
**Tunne Kelam**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jenfasizza l-importanza strateġika li għandu r-reġjun tal-Baħar Baltiku għall-iżvilupp tal-proġetti għall-użu tal-enerġiji rinnovabbli, bħall-enerġija mir-riħ jew il-*bijomassa*, *enerġiji* li hemm f'dan ir-reġjun; | 5. Jenfasizza l-importanza strateġika li għandu r-reġjun tal-Baħar Baltiku ***għal diversifikazzjoni tal-produzzjoni u l-provvista tal-enerġija kif ukoll*** għall-iżvilupp tal-proġetti għall-użu tal-enerġiji rinnovabbli, bħall-enerġija mir-riħ jew il-bijomassa, li hemm f'dan ir-reġjun; |

Or. en

**Emenda 26**
**Jacek Olgierd Kurski, Tomasz Piotr Poręba, Marek Henryk Migalski, Mirosław Piotrowski**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jenfasizza l-importanza strateġika li għandu r-reġjun tal-Baħar Baltiku għall-iżvilupp tal-proġetti għall-użu tal-enerġiji rinnovabbli, bħall-enerġija mir-riħ jew il-*bijomassa*, *enerġiji* li hemm f'dan ir-reġjun; | 5. Jenfasizza l-importanza strateġika li għandu r-reġjun tal-Baħar Baltiku għall-iżvilupp tal-proġetti għall-użu tal-enerġiji rinnovabbli, bħall-enerġija mir-riħ, ***l-enerġija ġeotermali*** jew il-*bijofjuwils*, li hemm f'dan ir-reġjun; |

Or. pl

**Emenda 27**
**Joachim Zeller, Markus Pieper, Sabine Verheyen**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5 a (ġdid)**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Jiġbed l-attenzjoni għall-koperazzjoni pożittiva diġà miksuba fis-settur tal-enerġija u l-klima bejn il-Kunsill tal-Istati tal-Baħar Baltiku u l-Kunsill Nordiku fil-kuntest tad-Dimensjoni tat-Tramuntana;*** |

Or. de

**Emenda 28**
**Justas Vincas Paleckis**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5 a (ġdid)**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Jenfasizza li fid-dawl tal-espansjoni ppjanata tal-enerġija nukleari fir-reġjun tal-Baħar Baltiku, il-pajjiżi tal-UE jridu jsegwu l-aktar standards stretti ta' sikurezza u ambjent. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tissorvelja u timmoniterja jekk l-istess approċċ u l-konvenzjonijiet internazzjonali humiex jiġu segwiti fil-pajjiżi ġirien, speċjalment*** |

***f'dawk li qed jippjanaw li jibnu impjanti tal-enerġija nukleari viċin il-konfini esterni tal-UE.***

Or. en

**Emenda 29**
**François Alfonsi, Ian Hudghton, Elisabeth Schroedter**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jenfasizza ***li huwa tajjeb*** li jitwaqqaf netwerk ta' komunikazzjoni u ta' trasport (bil-baħar, fuq l-art u tal-ajru) li jkun effikaċi u ekoloġiku; | 6. Jenfasizza ***li hija prijorità*** li jitwaqqaf netwerk ta' komunikazzjoni u ta' trasport (bil-baħar ***– bi rwol dominanti fit-trasport tal-merkanzija -*** fuq l-art u tal-ajru) li jkun effikaċi u ekoloġiku; |

Or. fr

**Emenda 30**
**Iosif Matula, Hermann Winkler**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jenfasizza li huwa tajjeb li jitwaqqaf netwerk ta' komunikazzjoni u ta' trasport ***(bil-baħar, fuq l-art u tal-ajru)*** li jkun effikaċi u ekoloġiku; | 6. Jenfasizza li huwa tajjeb li jitwaqqaf netwerk ta' komunikazzjoni u ta' trasport ***li kemm jista'*** jkun ***ikun*** effikaċi u ekoloġiku ***bil-konsiderazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-verżjoni aġġornata tad-dokument ta' Natura 2000;*** |

Or. ro

**Emenda 31**
**Jacek Olgierd Kurski, Tomasz Piotr Poręba, Marek Henryk Migalski, Mirosław Piotrowski**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jenfasizza li huwa tajjeb li jitwaqqaf netwerk ta' komunikazzjoni u ta' trasport (bil-baħar, fuq l-art u tal-ajru) li jkun effikaċi u ekoloġiku; | 6. Jenfasizza li huwa tajjeb li jitwaqqaf netwerk ta' komunikazzjoni u ta' trasport (bil-baħar, fuq l-art u tal-ajru) li jkun effikaċi u ekoloġiku ***, filwaqt li jintużaw l-aktar kuruturi ta' trasport qosra u multimodali***; |

Or. pl

**Emenda 32**
**Vasilica Viorica Dăncilă**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jenfasizza li huwa tajjeb li jitwaqqaf netwerk ta' komunikazzjoni u ta' trasport (bil-baħar, fuq l-art u tal-ajru) li jkun effikaċi u ekoloġiku; | 6. Jenfasizza li huwa tajjeb li jitwaqqaf netwerk ta' komunikazzjoni u ta' trasport (bil-baħar, fuq l-art u tal-ajru) li jkun effikaċi u ekoloġiku ***li jista' jantiċipa u jirrispondi fil-ħin għall-isfidi attwali u futuri billi jadatta għar-rekwiżiti u l-ħtiġijiet lokali u interreġjonali***; |

Or. ro

**Emenda 33**
**Franz Obermayr**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jenfasizza li huwa tajjeb li jitwaqqaf | 6. Jenfasizza li huwa tajjeb li jitwaqqaf |

| | |
|---|---|
| netwerk ta' komunikazzjoni u ta' trasport (bil-baħar, fuq l-art u tal-ajru) li jkun effikaċi u ekoloġiku; | netwerk ta' komunikazzjoni u ta' trasport (bil-baħar, fuq l-art u tal-ajru) li jkun effikaċi, ***sostenibbli*** u ekoloġiku; |

Or. de

**Emenda 34**
**Tunne Kelam**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jenfasizza li l-baċir tal-baħar Baltiku għandu diskrepanzi kbar fil-livell tal-***ekonomija*** u ***tal-innovazzjonijiet, u li huwa tajjeb li jiżdied il-potenzjal tar-reġjuni żviluppati ħafna kif ukoll li jitnaqqsu l-inegwaljanzi sabiex fil-futur jiġi stabbilit spazju ta'*** prosperità ***komuni kompetittiv*** ħafna, indispensabbli ***f'kuntest ta'*** popolazzjoni li qed tixjieħ; | 7. Jenfasizza li l-baċir tal-baħar Baltiku ***għad*** għandu diskrepanzi kbar fil-livell tal-***iżvilupp tal-qasam ekonomiku*** u ***l-innovazzjoni u fl-opportunità li tintuża l-Istrateġija tal-Baħar Baltiku biex jintlaħaq livell ġdid ta' sinerġija li tista' tnaqqas l-inegwaljanzi u toħloq żona ta'*** prosperità kompetittiva ***u sostenibbli li hija*** indispensabbli ***wkoll fl-iffaċċjar tal-problema ta'*** popolazzjoni li qed tixjieħ; |

Or. en

**Emenda 35**
**François Alfonsi, Ian Hudghton, Elisabeth Schroedter**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jenfasizza li l-baċir tal-baħar Baltiku għandu diskrepanzi kbar fil-livell tal-ekonomija u ***tal-innovazzjonijiet***, u li huwa tajjeb li ***jiżdied il-potenzjal tar-reġjuni żviluppati ħafna kif ukoll li*** jitnaqqsu l-inegwaljanzi sabiex fil-futur jiġi stabbilit spazju ta' prosperità komuni ***kompetittiv ħafna, indispensabbli f'kuntest ta' popolazzjoni li qed tixjieħ***; | 7. Jenfasizza li l-baċir tal-baħar Baltiku għandu diskrepanzi kbar fil-livell tal-ekonomija u li huwa tajjeb li jitnaqqsu l-inegwaljanzi sabiex fil-futur jiġi stabbilit spazju ta' prosperità komuni; |

Or. fr

**Emenda 36**
**Victor Boştinaru**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jenfasizza li l-baċir tal-baħar Baltiku għandu diskrepanzi kbar fil-livell tal-ekonomija u tal-innovazzjonijiet, ***u li huwa tajjeb*** li jiżdied il-potenzjal tar-reġjuni żviluppati ***ħafna kif ukoll li jitnaqqsu l-inegwaljanzi sabiex fil-futur jiġi stabbilit*** spazju ta' prosperità komuni kompetittiv ħafna, ***indispensabbli f'kuntest ta' popolazzjoni li qed tixjieħ***; | 7. Jenfasizza li l-baċir tal-baħar Baltiku għandu diskrepanzi kbar fil-livell tal-ekonomija u tal-innovazzjonijiet, ***għall-ħtieġa li tiġi eliminata din l-inegwaljanza; jemmen li sabiex jintlaħaq dan l-iskop, huwa neċessarju*** li jiżdied il-potenzjal tar-reġjuni ***kollha inklużi dawk l-aktar*** żviluppati***, billi huma jistgħu jiġbdu magħhom lir-reġjuni anqas avvanzati, u b'hekk jinħoloq*** spazju ta' prosperità komuni kompetittiv ħafna ***fit-tul*** ; |

Or. en

**Emenda 37**
**Joachim Zeller, Markus Pieper, Sabine Verheyen**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jenfasizza li l-baċir tal-baħar Baltiku għandu diskrepanzi kbar fil-livell tal-ekonomija u tal-innovazzjonijiet, u li huwa tajjeb li jiżdied il-potenzjal tar-reġjuni żviluppati ħafna kif ukoll li ***jitnaqqsu l-inegwaljanzi*** sabiex fil-futur jiġi stabbilit spazju ta' prosperità komuni kompetittiv ħafna, indispensabbli f'kuntest ta' popolazzjoni li qed tixjieħ; | 7. Jenfasizza li l-baċir tal-baħar Baltiku għandu diskrepanzi kbar fil-livell tal-ekonomija u tal-innovazzjonijiet, u li huwa tajjeb li jiżdied il-potenzjal tar-reġjuni żviluppati ħafna kif ukoll li ***jinfetħu oqsma ġodda bil-potenzjal ta' żvilupp u innovazzjoni*** sabiex fil-futur jiġi stabbilit spazju ta' prosperità komuni kompetittiv ħafna, indispensabbli f'kuntest ta' popolazzjoni li qed tixjieħ; |

Or. de

**Emenda 38**
**Riikka Manner**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jenfasizza li l-baċir tal-baħar Baltiku għandu diskrepanzi ***kbar*** fil-livell tal-ekonomija u tal-innovazzjonijiet, u li huwa tajjeb li jiżdied il-potenzjal tar-reġjuni żviluppati ħafna kif ukoll li jitnaqqsu l-inegwaljanzi sabiex fil-futur jiġi stabbilit spazju ta' prosperità komuni kompetittiv ħafna, indispensabbli f'kuntest ta' popolazzjoni li qed tixjieħ; | 7. Jenfasizza li l-baċir tal-baħar Baltiku għandu diskrepanzi fil-livell tal-ekonomija u tal-innovazzjonijiet, u li huwa tajjeb li jiżdied il-potenzjal tar-reġjuni żviluppati ħafna kif ukoll li jitnaqqsu l-inegwaljanzi sabiex fil-futur jiġi stabbilit spazju ta' prosperità komuni kompetittiv ħafna, indispensabbli f'kuntest ta' popolazzjoni li qed tixjieħ; |

Or. en

**Emenda 39**
**Danuta Maria Hübner**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jenfasizza li l-baċir tal-baħar Baltiku għandu diskrepanzi kbar fil-livell tal-ekonomija u tal-innovazzjonijiet, u li huwa tajjeb li jiżdied il-potenzjal tar-reġjuni żviluppati ħafna kif ukoll li jitnaqqsu l-inegwaljanzi sabiex fil-futur jiġi stabbilit spazju ta' prosperità komuni kompetittiv ħafna, indispensabbli f'kuntest ta' popolazzjoni li qed tixjieħ; | 7. Jenfasizza li l-baċir tal-baħar Baltiku għandu diskrepanzi kbar fil-livell tal-ekonomija u tal-innovazzjonijiet, u li huwa tajjeb li jiżdied il-potenzjal tar-reġjuni żviluppati ħafna kif ukoll li jitnaqqsu l-inegwaljanzi sabiex fil-futur jiġi stabbilit spazju ta' prosperità komuni kompetittiv ħafna, indispensabbli f'kuntest ta' popolazzjoni li qed tixjieħ ***u x-xejriet il-ġodda tal-globalizzazzjoni***; |

Or. en

**Emenda 40**
**Jacek Olgierd Kurski, Tomasz Piotr Poręba, Marek Henryk Migalski, Mirosław**

**Piotrowski**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7 a (ġdid)**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7a. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li t-tkabbir ekonomiku f'żoni sinifikanti tar-Reġjun tal-Baħar Baltiku huwa totalment dipendenti fuq iż-żamma u l-iżvilupp tas-sajd mal-kosta, li jipprovdi ambjent, ekonomija u benefiċċji kulturali partikolari u jagħti lill-abitanti ta' dawk iż-żoni l-opportunità li jiżguraw standard xieraq ta' għajxien;*** |

Or. pl

**Emenda 41**
**Joachim Zeller, Markus Pieper, Sabine Verheyen**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7 a (ġdid)**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7a. Jenfasizza li l-implimentazzjoni effiċjenti u konsistenti tal-atti legali tal-UE eżistenti għat-tisħiħ tas-suq intern, bħad-Direttiva dwar is-Servizzi, hija neċessarja għaż-żieda tal-attrazzjoni tar-Reġjun tal-Baħar Baltiku bħala żona ekonomika;*** |

Or. de

**Emenda 42**
**Victor Boştinaru**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 8. Jitlob li wieħed jipproċedi, fil-***qafas tal-Istrateġija għall-Baħar Baltiku,*** għal definizzjoni mill-ġdid u tisħiħ t***ar-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi ġirien li ma jagħmlux parti mill-Unjoni, pajjiżi*** li t-territorji tagħhom jagħmlu parti miż-żoni funzjonali ***ta' makroreġjun partikolari jew għandhom influwenza diretta fuq dawn;*** | 8. Jitlob li wieħed jipproċedi, fil-***kuntest tal-Istrateġija għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku*** għal definizzjoni mill-ġdid u tisħiħ ***kif ukoll l-istrateġiji makroreġjonali futuri, tar-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-istati mhux tal-UE*** li t-territorji tagħhom jagħmlu parti miż-żoni funzjonali ***fil-kwistjoni, biex ikunu jistgħu jiġu involuti b'mod adegwat u jikkontribwixxu konsegwentament għal kisba sħiħa tal-objettivi tal-istrateġiji;*** |

Or. en

**Emenda 43**
**Jacek Olgierd Kurski, Tomasz Piotr Poręba, Marek Henryk Migalski, Mirosław Piotrowski**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 8. Jitlob li wieħed jipproċedi, ***fil-qafas tal-Istrateġija għall-Baħar Baltiku***, ***għal definizzjoni mill-ġdid*** u tisħiħ tar-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi ġirien li ma jagħmlux parti mill-Unjoni, pajjiżi li t-territorji tagħhom jagħmlu parti miż-żoni funzjonali ta' makroreġjun ***partikolari*** jew għandhom influwenza diretta fuq dawn; | 8. Jitlob li wieħed jipproċedi ***għal żvilupp ulterjuri*** u tisħiħ tar-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi ġirien li ma jagħmlux parti mill-Unjoni, pajjiżi li t-territorji tagħhom jagħmlu parti miż-żoni funzjonali ***tal-***makroreġjun jew għandhom influwenza diretta fuq dawn ***inklużi fl-Istrateġija għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku*** jew ***li*** għandhom influwenza diretta fuq dawn, ***li jwasslu għal koperazzjoni aħjar fil-qasam tal-protezzjoni ambjentali, kif ukoll għall-koperazzjoni edukattiva u kulturali, u li jipprovdu bażi għall-kompetizzjoni ġusta***; |

Or. pl

**Emenda 44**
**Radvilė Morkūnaitė-Mikulėnienė**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Jitlob li wieħed jipproċedi, fil-qafas tal-Istrateġija għall-Baħar Baltiku, għal definizzjoni mill-ġdid u tisħiħ tar-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi ġirien li ma jagħmlux parti mill-Unjoni, pajjiżi li t-territorji tagħhom jagħmlu parti miż-żoni funzjonali ta' makroreġjun partikolari jew għandhom influwenza diretta fuq dawn; | 8. Jitlob li wieħed jipproċedi, fil-qafas tal-Istrateġija għall-Baħar Baltiku, għal definizzjoni mill-ġdid u tisħiħ tar-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi ġirien li ma jagħmlux parti mill-Unjoni, pajjiżi li t-territorji tagħhom jagħmlu parti miż-żoni funzjonali ta' makroreġjun partikolari jew għandhom influwenza diretta fuq dawn***, b'mod partikolari fl-implimentazzjoni ta' proġetti fuq skala kbira li jistgħu jaffettwaw l-istat ambjentali tal-Baħar Baltiku***; |

Or. lt

**Emenda 45**
**Joachim Zeller, Markus Pieper, Sabine Verheyen**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Jitlob li wieħed jipproċedi, fil-qafas tal-Istrateġija għall-Baħar Baltiku, għal definizzjoni mill-ġdid u tisħiħ tar-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi ġirien li ma jagħmlux parti mill-Unjoni, pajjiżi li t-territorji tagħhom jagħmlu parti miż-żoni funzjonali ta' makroreġjun partikolari jew għandhom influwenza diretta fuq dawn; | 8. Jitlob li wieħed jipproċedi, fil-qafas tal-Istrateġija għall-Baħar Baltiku, għal definizzjoni mill-ġdid u tisħiħ tar-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi ġirien li ma jagħmlux parti mill-Unjoni, pajjiżi li t-territorji tagħhom jagħmlu parti miż-żoni funzjonali ta' makroreġjun partikolari jew għandhom influwenza diretta fuq dawn, ***b'mod partikolari r-Russja u l-Belarus***; |

Or. de

**Emenda 46**
**Vasilica Viorica Dăncilă**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Jitlob li wieħed jipproċedi, fil-qafas tal-Istrateġija għall-Baħar Baltiku, għal definizzjoni mill-ġdid u tisħiħ tar-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi ġirien li ma jagħmlux parti mill-Unjoni, pajjiżi li t-territorji tagħhom jagħmlu parti miż-żoni funzjonali ta' makroreġjun partikolari jew għandhom influwenza diretta fuq dawn; | 8. Jitlob li wieħed jipproċedi, fil-qafas tal-Istrateġija għall-Baħar Baltiku, għal definizzjoni mill-ġdid u tisħiħ tar-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi ġirien li ma jagħmlux parti mill-Unjoni, pajjiżi li t-territorji tagħhom jagħmlu parti miż-żoni funzjonali ta' makroreġjun partikolari jew għandhom influwenza diretta fuq dawn; ***u jitlob ukoll għal mekkaniżmu li jsaħħaħ is-sigurtà fir-reġjun u li jgħin fil-ġlieda kontra l-kriminalità transkonfinali;*** |

Or. ro

**Emenda 47**
**Joachim Zeller, Markus Pieper, Sabine Verheyen**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8 a (ġdid)**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8a. Jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li titfittex koperazzjoni akbar b'mod partikolari bejn ir-Russja u l-Belarus u l-Istati Baltiċi fil-bini ta' netwerk tal-enerġija, u biex jittieħed vantaġġ akbar mid-djalogu dwar l-enerġija bejn l-UE u r-Russja għal dan l-għan, li fl-istess ħin jiftaħ opportunitajiet ġodda għall-involviment tar-Russja fl-Istrateġija tal-Baħar Baltiku;*** |

Or. de

**Emenda 48**
**Tunne Kelam**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8 a (ġdid)**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8a. Jinnota li l-approfondiment tar-relazzjonijiet mal-pajjiżi terzi huwa possibbli fuq il-bażi ta' responsabilitajiet maqsuma fil-konfront tal-isfidi ambjentali u għall-impenn ugwali lejn it-trasparenza, ir-reċiproċità u r-regoli internazzjonali; jistenna li l-atturi kollha madwar il-Baħar Baltiku jingħaqdu fil-Konvenzjoni Espoo; jinnota li r-relazzjonijiet esterni mal-istati terzi fir-Reġjun tal-Baħar Baltiku lil hinn mill-koperazzjoni settorjali fi ħdan l-Istrateġija għadhom jiġu ffinanzjati mill-istrumenti maħsuba għar-relazzjonijiet esterni tal-UE;*** |

Or. en

**Emenda 49**
**Victor Boştinaru**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8 a (ġdid)**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8a. Jemmen li sabiex tinkiseb protezzjoni effettiva tal-ambjent u l-bijodiversità, għandhom jintlaħqu ftehimiet mal-istati li mhumiex fl-UE li huma parti miż-żoni funzjonali li jinteressawhom l-istrateġiji, biex ikunu jistgħu jaqsmu l-istess valuri, drittijiet u impenji inkorporati fil-leġiżlazzjoni relevanti tal-Unjoni Ewropea;*** |

Or. en

**Emenda 50**
**Manfred Weber**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Jitlob lill-Istati Membri u r-reġjuni tagħhom ***biex jużaw*** il-fondi strutturali ppjanati għall-perjodu 2007-2013 ***sabiex*** jingħata appoġġ kemm jista' jkun kbir għall-implimentazzjoni tal-istrateġija, ***filwaqt li huwa konxju tad-***diffikultajiet marbuta ma' modifika tal-programmi operazzjonali fl-ambitu tal-perjodu ta' programmazzjoni attwali; | 9. Jitlob lill-Istati Membri u r-reġjuni tagħhom ***jiċċekkjaw jekk*** il-fondi strutturali ppjanati għall-perjodu 2007-2013 ***jistgħux jintużaw biex*** jingħata appoġġ kemm jista' jkun kbir għall-implimentazzjoni tal-istrateġija, ***billi hemm*** diffikultajiet marbuta ma' modifika tal-programmi operazzjonali fl-ambitu tal-perjodu ta' programmazzjoni attwali; |

Or. de

**Emenda 51**
**Tamás Deutsch**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Jitlob lill-Istati Membri u r-reġjuni tagħhom biex jużaw il-fondi strutturali ppjanati għall-perjodu 2007-2013 sabiex jingħata appoġġ kemm jista' jkun kbir għall-implimentazzjoni tal-istrateġija, ***filwaqt li huwa konxju tad-diffikultajiet marbuta ma'*** modifika tal-programmi operazzjonali fl-ambitu tal-perjodu ta' programmazzjoni attwali; | 9. Jitlob lill-Istati Membri u r-reġjuni tagħhom biex jużaw il-fondi strutturali ppjanati għall-perjodu 2007-2013 sabiex jingħata appoġġ kemm jista' jkun kbir għall-implimentazzjoni tal-istrateġija, ***u, fl-istess ħin, jirrakkomanda, fejn meħtieġ,*** modifika ***possibbli*** tal-programmi operazzjonali fl-ambitu tal-perjodu ta' programmazzjoni attwali; |

Or. hu

**Emenda 52**
**Tamás Deutsch**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Jitlob lill-Istati Membri u r-reġjuni tagħhom biex jużaw il-fondi strutturali ppjanati għall-perjodu 2007-2013 sabiex jingħata appoġġ kemm jista' jkun kbir għall-implimentazzjoni tal-istrateġija, filwaqt li huwa konxju tad-diffikultajiet marbuta ma' modifika tal-programmi operazzjonali fl-ambitu tal-perjodu ta' programmazzjoni attwali; | 9. Jitlob lill-Istati Membri u r-reġjuni tagħhom biex jużaw il-fondi strutturali ppjanati għall-perjodu 2007-2013 sabiex jingħata appoġġ kemm jista' jkun kbir għall-implimentazzjoni tal-istrateġija, ***b'mod partikolari jgħinu l-ħolqien tal-opportunitajiet ta' impjieg u t-tkabbir ekonomiku fiż-żoni l-aktar milquta mill-kriżi ekonomika,*** filwaqt li huwa konxju tad-diffikultajiet marbuta ma' modifika tal-programmi operazzjonali fl-ambitu tal-perjodu ta' programmazzjoni attwali; |

Or. hu

**Emenda 53**
**Petru Constantin Luhan**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Jitlob lill-Istati Membri u r-reġjuni tagħhom biex jużaw il-fondi strutturali ppjanati għall-perjodu 2007-2013 sabiex jingħata appoġġ kemm jista' jkun kbir għall-implimentazzjoni tal-istrateġija, filwaqt li huwa konxju tad-diffikultajiet marbuta ma' modifika tal-programmi operazzjonali fl-ambitu tal-perjodu ta' programmazzjoni attwali; | 9. Jitlob lill-Istati Membri u r-reġjuni tagħhom biex jużaw il-fondi strutturali ppjanati għall-perjodu 2007-2013 sabiex jingħata appoġġ kemm jista' jkun kbir għall-implimentazzjoni tal-istrateġija, filwaqt li huwa konxju tad-diffikultajiet marbuta ma' modifika tal-programmi operazzjonali fl-ambitu tal-perjodu ta' programmazzjoni attwali. ***L-enfasizzar tal-karatteristiċi partikolari tar-reġjuni tista' twassal għal użu aktar effikaċi tal-Fondi Strutturali u l-ħolqien ta' valur miżjud fil-livell reġjonali, filwaqt li jittieħed ħsieb ukoll biex jiġi evitat l-iffinanzjar doppju***; |

Or. ro

**Emenda 54**
**Jacek Olgierd Kurski, Tomasz Piotr Poręba, Marek Henryk Migalski, Mirosław**

**Piotrowski**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9 a (ġdid)**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***9a. Jitlob lill-Kummissjoni Ewropea biex tressaq proposti għal regolamenti bl-għan li terġa' tinbena l-ekonomija marittima tal-pajjiżi tal-Baħar Baltiku, b'mod partikolari fir-rigward tal-bini tal-vapuri u t-trasport nazzjonali fuq il-baħar;*** |

Or. pl

**Emenda 55**
**Joachim Zeller, Markus Pieper, Sabine Verheyen**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. Jinsab konvint li l-miżuri adottati fl-ambitu tal-politiki settorjali b'dimensjoni territorjali, b'mod partikolari l-politika agrikola komuni, il-politika tas-sajd jew il-politika industrijali, kif ukoll it-tqassim komuni tar-riżorsi disponibbli bbażati fuq objettivi definiti flimkien fuq territorju partikolari, huma kundizzjoni għas-suċċess tal-istrateġija attwali u t-twettiq ta' objettivi ambizzjużi fl-ambitu tal-istrateġiji makroreġjonali futuri; jitlob b'urġenza, f'dan ir-rigward, biex wieħed jipproċedi għal reviżjoni tal-politiki mill-perspettiva ta' dawn l-isfidi l-ġodda ***u biex jitwaqqfu l-istrutturi organizzattivi adegwati fil-livell tal-istituzzjonijiet Komunitarji***; | 10. Jinsab konvint li l-miżuri adottati fl-ambitu tal-politiki settorjali b'dimensjoni territorjali, b'mod partikolari l-politika agrikola komuni, il-politika tas-sajd jew il-politika industrijali ***u politika ta' infrastruttura koerenti***, kif ukoll it-tqassim komuni tar-riżorsi disponibbli bbażati fuq objettivi definiti flimkien fuq territorju partikolari, huma kundizzjoni għas-suċċess tal-istrateġija attwali u t-twettiq ta' objettivi ambizzjużi fl-ambitu tal-istrateġiji makroreġjonali futuri; jitlob b'urġenza, f'dan ir-rigward, biex wieħed jipproċedi għal reviżjoni tal-politiki mill-perspettiva ta' dawn l-isfidi l-ġodda; |

Or. de

**Emenda 56**
**Richard Seeber**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. Jinsab konvint li l-miżuri adottati fl-ambitu tal-politiki settorjali b'dimensjoni territorjali, b'mod partikolari l-politika agrikola komuni, il-politika tas-sajd jew il-politika industrijali, kif ukoll it-tqassim komuni tar-riżorsi disponibbli bbażati fuq objettivi definiti flimkien fuq territorju partikolari, huma kundizzjoni għas-suċċess tal-istrateġija attwali u t-twettiq ta' objettivi ambizzjużi fl-ambitu tal-istrateġiji makroreġjonali futuri; jitlob b'urġenza, f'dan ir-rigward, biex wieħed jipproċedi għal reviżjoni tal-politiki mill-perspettiva ta' dawn l-isfidi l-ġodda ***u biex jitwaqqfu l-istrutturi organizzattivi adegwati fil-livell tal-istituzzjonijiet Komunitarji***; | 10. Jinsab konvint li l-miżuri adottati fl-ambitu tal-politiki settorjali b'dimensjoni territorjali, b'mod partikolari l-politika agrikola komuni, il-politika tas-sajd jew il-politika industrijali, kif ukoll it-tqassim komuni tar-riżorsi disponibbli bbażati fuq objettivi definiti flimkien fuq territorju partikolari, huma kundizzjoni għas-suċċess tal-istrateġija attwali u t-twettiq ta' objettivi ambizzjużi fl-ambitu tal-istrateġiji makroreġjonali futuri; jitlob b'urġenza, f'dan ir-rigward, biex wieħed jipproċedi għal reviżjoni tal-politiki mill-perspettiva ta' dawn l-isfidi l-ġodda; |

Or. de

**Emenda 57**
**Manfred Weber**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. Jinsab konvint li l-miżuri adottati fl-ambitu tal-politiki settorjali b'dimensjoni territorjali, b'mod partikolari l-politika agrikola komuni, il-politika tas-sajd jew il-politika industrijali, kif ukoll it-tqassim komuni tar-riżorsi disponibbli bbażati fuq objettivi definiti flimkien fuq territorju partikolari, huma kundizzjoni għas-suċċess tal-istrateġija attwali u t-twettiq ta' objettivi ambizzjużi fl-ambitu tal-istrateġiji makroreġjonali futuri; jitlob b'urġenza, f'dan ir-rigward, biex wieħed jipproċedi | 10. Jinsab konvint li l-miżuri adottati fl-ambitu tal-politiki settorjali b'dimensjoni territorjali, b'mod partikolari l-politika agrikola komuni, il-politika tas-sajd jew il-politika industrijali, kif ukoll it-tqassim komuni tar-riżorsi disponibbli bbażati fuq objettivi definiti flimkien fuq territorju partikolari, huma kundizzjoni għas-suċċess tal-istrateġija attwali u t-twettiq ta' objettivi ambizzjużi fl-ambitu tal-istrateġiji makroreġjonali futuri; jitlob b'urġenza, f'dan ir-rigward, biex wieħed jipproċedi |

| | |
|---|---|
| għal reviżjoni tal-politiki mill-perspettiva ta' dawn l-isfidi l-ġodda ***u biex jitwaqqfu l-istrutturi organizzattivi adegwati fil-livell tal-istituzzjonijiet Komunitarji***; | għal reviżjoni tal-politiki mill-perspettiva ta' dawn l-isfidi l-ġodda; |

Or. de

**Emenda 58**
**Riikka Manner**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. Jinsab konvint li l-miżuri adottati fl-ambitu tal-politiki settorjali b'dimensjoni territorjali, b'mod partikolari l-politika agrikola komuni, il-politika tas-sajd jew il-politika industrijali, kif ukoll it-tqassim komuni tar-riżorsi disponibbli bbażati fuq objettivi definiti flimkien fuq territorju partikolari, huma kundizzjoni għas-suċċess tal-istrateġija attwali u t-twettiq ta' objettivi ambizzjużi fl-ambitu tal-istrateġiji makroreġjonali futuri; jitlob b'urġenza, f'dan ir-rigward, biex wieħed jipproċedi għal reviżjoni tal-politiki mill-perspettiva ta' dawn l-isfidi l-ġodda u biex ***jitwaqqfu l-istrutturi organizzattivi adegwati*** fil-livell tal-istituzzjonijiet Komunitarj***i***; | 10. Jinsab konvint li l-miżuri adottati fl-ambitu tal-politiki settorjali b'dimensjoni territorjali, b'mod partikolari l-politika agrikola komuni, il-politika tas-sajd jew il-politika industrijali, kif ukoll it-tqassim komuni tar-riżorsi disponibbli bbażati fuq objettivi definiti flimkien fuq territorju partikolari, huma kundizzjoni għas-suċċess tal-istrateġija attwali u t-twettiq ta' objettivi ambizzjużi fl-ambitu tal-istrateġiji makroreġjonali futuri; jitlob b'urġenza, f'dan ir-rigward, biex wieħed jipproċedi għal reviżjoni tal-politiki mill-perspettiva ta' dawn l-isfidi l-ġodda u biex ***jitwaqqaf qafas adegwat*** fil-livell tal-istituzzjonijiet Komunitarj; |

Or. en

**Emenda 59**
**François Alfonsi, Ian Hudghton, Elisabeth Schroedter**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. Jinsab konvint li l-miżuri adottati fl-ambitu tal-politiki settorjali b'dimensjoni territorjali, b'mod partikolari l-politika | 10. Jinsab konvint li l-miżuri adottati fl-ambitu tal-politiki settorjali b'dimensjoni territorjali, b'mod partikolari l-politika |

| | |
|---|---|
| agrikola komuni, il-politika tas-sajd jew il-politika industrijali, kif ukoll it-tqassim komuni tar-riżorsi disponibbli bbażati fuq objettivi definiti flimkien fuq territorju partikolari, huma kundizzjoni għas-suċċess tal-istrateġija attwali u t-twettiq ta' objettivi ambizzjużi fl-ambitu tal-istrateġiji makroreġjonali futuri; jitlob b'urġenza, f'dan ir-rigward, biex wieħed jipproċedi għal reviżjoni tal-politiki mill-perspettiva ta' dawn l-isfidi l-ġodda u biex jitwaqqfu l-istrutturi organizzattivi adegwati fil-livell tal-istituzzjonijiet Komunitarji; | agrikola komuni, il-politika tas-sajd jew il-politika industrijali, kif ukoll it-tqassim komuni tar-riżorsi disponibbli bbażati fuq objettivi definiti flimkien fuq territorju partikolari, huma kundizzjoni għas-suċċess tal-istrateġija attwali u t-twettiq ta' objettivi ambizzjużi fl-ambitu tal-istrateġiji makroreġjonali futuri; jitlob b'urġenza, f'dan ir-rigward, biex wieħed jipproċedi għal reviżjoni tal-politiki mill-perspettiva ta' dawn l-isfidi l-ġodda u biex jitwaqqfu l-istrutturi organizzattivi adegwati fil-livell tal-istituzzjonijiet Komunitarji***, u kif għandhom jirrelataw mal-istrutturi nazzjonali u lokali eżistenti***; |

Or. en

**Emenda 60**
**Danuta Maria Hübner**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. Jinsab konvint li l-miżuri adottati fl-ambitu tal-politiki settorjali b'dimensjoni territorjali, b'mod partikolari l-politika agrikola komuni, il-politika tas-sajd ***jew*** il-politika industrijali, kif ukoll it-tqassim komuni tar-riżorsi disponibbli bbażati fuq objettivi definiti flimkien fuq territorju partikolari, huma kundizzjoni għas-suċċess tal-istrateġija attwali u t-twettiq ta' objettivi ambizzjużi fl-ambitu tal-istrateġiji makroreġjonali futuri; jitlob b'urġenza, f'dan ir-rigward, biex wieħed jipproċedi għal reviżjoni tal-politiki mill-perspettiva ta' dawn l-isfidi l-ġodda u biex jitwaqqfu l-istrutturi organizzattivi adegwati fil-livell tal-istituzzjonijiet Komunitarji; | 10. Jinsab konvint li l-miżuri adottati fl-ambitu tal-politiki settorjali b'dimensjoni territorjali, b'mod partikolari l-politika agrikola komuni, il-politika tas-sajd***,*** il-politika industrijali ***u l-politika tat-trasport***, kif ukoll it-tqassim komuni tar-riżorsi disponibbli bbażati fuq objettivi definiti flimkien fuq territorju partikolari, huma kundizzjoni għas-suċċess tal-istrateġija attwali u t-twettiq ta' objettivi ambizzjużi fl-ambitu tal-istrateġiji makroreġjonali futuri; jitlob b'urġenza, f'dan ir-rigward, biex wieħed jipproċedi għal reviżjoni tal-politiki mill-perspettiva ta' dawn l-isfidi l-ġodda u biex jitwaqqfu l-istrutturi organizzattivi adegwati fil-livell tal-istituzzjonijiet Komunitarji; |

Or. en

**Emenda 61**
**Jan Olbrycht**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. Jinsab konvint li l-miżuri adottati fl-ambitu tal-politiki settorjali b'dimensjoni territorjali, b'mod partikolari l-politika agrikola komuni, il-politika tas-sajd ***jew*** il-politika industrijali, kif ukoll it-tqassim komuni tar-riżorsi disponibbli bbażati fuq objettivi definiti flimkien fuq territorju partikolari, huma kundizzjoni għas-suċċess tal-istrateġija attwali u t-twettiq ta' objettivi ambizzjużi fl-ambitu tal-istrateġiji makroreġjonali futuri; jitlob b'urġenza, f'dan ir-rigward, biex wieħed jipproċedi għal reviżjoni tal-politiki mill-perspettiva ta' dawn l-isfidi l-ġodda u biex jitwaqqfu l-istrutturi organizzattivi adegwati fil-livell tal-istituzzjonijiet Komunitarji; | 10. Jinsab konvint li l-miżuri adottati fl-ambitu tal-politiki settorjali b'dimensjoni territorjali, b'mod partikolari l-politika agrikola komuni, il-politika tas-sajd***, il-politika tat-trasport,*** il-politika industrijali ***u l-politika tar-riċerka***, kif ukoll it-tqassim komuni tar-riżorsi disponibbli bbażati fuq objettivi definiti flimkien fuq territorju partikolari, huma kundizzjoni għas-suċċess tal-istrateġija attwali u t-twettiq ta' objettivi ambizzjużi fl-ambitu tal-istrateġiji makroreġjonali futuri; jitlob b'urġenza, f'dan ir-rigward, biex wieħed jipproċedi għal reviżjoni tal-politiki mill-perspettiva ta' dawn l-isfidi l-ġodda u biex jitwaqqfu l-istrutturi organizzattivi adegwati fil-livell tal-istituzzjonijiet Komunitarji; |

Or. pl

**Emenda 62**
**Tamás Deutsch**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. Jinsab konvint li l-miżuri adottati fl-ambitu tal-politiki settorjali b'dimensjoni territorjali, b'mod partikolari l-politika agrikola komuni, il-politika tas-sajd jew il-politika industrijali, kif ukoll it-tqassim komuni tar-riżorsi disponibbli bbażati fuq objettivi definiti flimkien fuq territorju | 10. Jinsab konvint li l-miżuri adottati fl-ambitu tal-politiki settorjali b'dimensjoni territorjali, b'mod partikolari l-politika agrikola komuni, il-politika tas-sajd jew il-politika industrijali, kif ukoll it-tqassim komuni tar-riżorsi disponibbli bbażati fuq objettivi definiti flimkien fuq territorju |

| | |
|---|---|
| partikolari, huma kundizzjoni għas-suċċess tal-istrateġija attwali u t-twettiq ta' objettivi ambizzjużi fl-ambitu tal-istrateġiji makroreġjonali futuri; jitlob b'urġenza, f'dan ir-rigward, biex wieħed jipproċedi għal reviżjoni tal-politiki mill-perspettiva ta' dawn l-isfidi l-ġodda u biex jitwaqqfu l-istrutturi organizzattivi adegwati fil-livell tal-istituzzjonijiet Komunitarji; | partikolari, huma kundizzjoni għas-suċċess tal-istrateġija attwali u t-twettiq ta' objettivi ambizzjużi fl-ambitu tal-istrateġiji makroreġjonali futuri; jitlob b'urġenza, f'dan ir-rigward, biex wieħed jipproċedi għal reviżjoni tal-politiki mill-perspettiva ta' dawn l-isfidi l-ġodda u biex jitwaqqfu l-istrutturi organizzattivi adegwati fil-livell tal-istituzzjonijiet Komunitarji ***li jkunu f'armonija mal-istrateġiji rilevanti tal-Istati Membri tal-UE u jikkoperaw mill-qrib mal-istituzzjonijiet adegwati tal-Istati Membri***; |

Or. hu

**Emenda 63**
**Filiz Hakaeva Hyusmenova**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Iqis li d-dimensjoni territorjali tal-istrateġija għandha tikkontribwixxi għall-iżvilupp u t-twettiq tal-istudju dwar il-koeżjoni territorjali, li t-Trattat ta' Lisbona jqiegħed fuq l-istess livell tal-koeżjoni ekonomika u soċjali; | 11. Iqis li d-dimensjoni territorjali tal-istrateġija għandha tikkontribwixxi għall-iżvilupp u t-twettiq tal-istudju dwar il-koeżjoni territorjali, li t-Trattat ta' Lisbona jqiegħed fuq l-istess livell tal-koeżjoni ekonomika u soċjali***, u filwaqt li jikkunsidra dan, jappella lill-Kummissjoni biex tinvolvi ruħha fi djalogu attiv dwar ir-rwol u l-effett tal-politiki makroreġjonali tal-UE wara l-2013;*** |

Or. bg

**Emenda 64**
**Danuta Maria Hübner**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Iqis li d-dimensjoni territorjali tal-istrateġija għandha tikkontribwixxi għall-iżvilupp ***u t-twettiq tal-istudju dwar il-koeżjoni*** territorjali, li t-Trattat ta' Lisbona jqiegħed fuq l-istess livell tal-koeżjoni ekonomika u soċjali; | 11. Iqis li d-dimensjoni territorjali tal-istrateġija għandha tikkontribwixxi għall-iżvilupp ***tal-idea tal-koeżjoni*** territorjali, li t-Trattat ta' Lisbona jqiegħed fuq l-istess livell tal-koeżjoni ekonomika u soċjali |

Or. en

**Emenda 65**
**Jacek Olgierd Kurski, Tomasz Piotr Poręba, Marek Henryk Migalski, Mirosław Piotrowski**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Iqis li d-dimensjoni territorjali tal-istrateġija għandha tikkontribwixxi għall-iżvilupp u t-twettiq tal-istudju dwar il-koeżjoni territorjali, li t-Trattat ta' Lisbona jqiegħed fuq l-istess livell tal-koeżjoni ekonomika u soċjali; | 11. Iqis li d-dimensjoni territorjali tal-istrateġija għandha tikkontribwixxi għall-iżvilupp u t-twettiq tal-istudju dwar il-koeżjoni territorjali ***tal-istati***, li t-Trattat ta' Lisbona jqiegħed fuq l-istess livell tal-koeżjoni ekonomika u soċjali; |

Or. pl

**Emenda 66**
**László Surján**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 12. ***Jifraħ bit-tisħiħ tal-koperazzjoni*** bejn l-Istati u r-reġjuni fil-livell tal-makroreġjuni kif ukoll bit-tfassil ta' strateġiji ġodda komuni ta' azzjoni; | 12. ***Jinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' dispożizzjonijiet speċifiċi fir-Regolament Ġenerali dwar il-Fondi Strutturali li se jkun hemm, abbażi tal-objettiv tal-koperazzjoni territorjali, li jkun ċar, sempliċi u li jikkunsidra l-kultura*** |

***amministrattiva u l-lingwi differenti tal-pajjiżi u ma jimponix piżijiet amministrattivi żejda fuq il-benefiċjarji, sabiex tissaħħaħ il-koperazzjoni*** bejn l-Istati u r-reġjuni fil-livell tal-makroreġjuni kif ukoll bit-tfassil ta' strateġiji ġodda komuni ta' azzjoni;

Or. en

**Emenda 67**
**Riikka Manner**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 12. Jifraħ bit-tisħiħ tal-koperazzjoni bejn l-Istati u r-reġjuni fil-livell tal-makroreġjuni kif ukoll bit-tfassil ta' strateġiji ġodda komuni ta' azzjoni; | 12. Jifraħ bit-tisħiħ tal-koperazzjoni bejn l-Istati u r-reġjuni fil-livell tal-makroreġjuni kif ukoll bit-tfassil ta' strateġiji ġodda komuni ta' azzjoni ***bħala għodda kumplimentari għall-istrutturi tal-programmi eżistenti inġenerali u jinnota li l-istrateġiji tal-makroreġjuni m'għandhomx jissostitwixxu l-kontributi nazzjonali, iżda pjuttost għandhom jikkumplimentawhom***; |

Or. en

**Emenda 68**
**Vasilica Viorica Dăncilă**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 12. Jifraħ bit-tisħiħ tal-koperazzjoni bejn l-Istati u r-reġjuni fil-livell tal-makroreġjuni kif ukoll bit-tfassil ta' strateġiji ġodda komuni ta' azzjoni; | 12. Jifraħ bit-tisħiħ tal-koperazzjoni bejn l-Istati u r-reġjuni fil-livell tal-makroreġjuni kif ukoll bit-tfassil ta' strateġiji ġodda komuni ta' azzjoni***, li jistgħu jerġgħu jsaħħu l-attrazzjoni tar-reġjun fil-livell Ewropew u internazzjonali u jistgħu*** |

***sussegwentement jikkostitwixxu mudell għall-koperazzjoni transkonfinali fl-Ewropa.***

Or. ro

**Emenda 69**
**Vasilica Viorica Dăncilă**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 13. Jenfasizza li l-Istrateġija għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku għandha tiġi kkunsidrata bħala proċess li l-prinċipji tiegħu ta' azzjoni u ta' koperazzjoni huma suġġetti għal żvilupp kontinwu u li l-objettiv ewlieni huwa li jitfasslu l-aħjar mekkaniżmi li jistgħu jiġu applikati għall-istrateġiji makroreġjonali futuri; | 13. Jenfasizza li l-Istrateġija għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku għandha tiġi kkunsidrata bħala proċess li l-prinċipji tiegħu ta' azzjoni u ta' koperazzjoni huma suġġetti għal żvilupp kontinwu***, u dan jitlob li l-istrateġija tiġi aġġornata skont l-iżviluppi sussegwenti,*** u li l-objettiv ewlieni huwa li jitfasslu l-aħjar mekkaniżmi li jistgħu jiġu applikati għall-istrateġiji makroreġjonali futuri; |

Or. ro

**Emenda 70**
**Filiz Hakaeva Hyusmenova**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 13. Jenfasizza li l-Istrateġija għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku għandha tiġi kkunsidrata bħala proċess li l-prinċipji tiegħu ta' azzjoni u ta' koperazzjoni huma suġġetti għal żvilupp kontinwu u li l-objettiv ewlieni huwa li jitfasslu l-aħjar mekkaniżmi li jistgħu jiġu applikati għall-istrateġiji makroreġjonali futuri; | 13. Jenfasizza li l-Istrateġija għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku għandha tiġi kkunsidrata bħala proċess li l-prinċipji tiegħu ta' azzjoni u ta' koperazzjoni huma suġġetti għal żvilupp kontinwu u li l-objettiv ewlieni huwa li jitfasslu l-aħjar mekkaniżmi li jistgħu jiġu applikati għall-istrateġiji makroreġjonali futuri; ***għalhekk jappella biex mill-implimentazzjoni*** |

| | |
|---|---|
| | ***tal-Istrateġija jinġabru r-riżultati u l-prattiki tajba u jsir sommarju tagħhom, billi dawn jistgħu jiffurmaw il-bażi għall-bażi tad-dejta ta' prattiki tajba ppjanata mill-Kummissjoni;*** |

Or. bg

**Emenda 71**
**Iosif Matula, Iuliu Winkler**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 13. Jenfasizza li l-Istrateġija għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku għandha tiġi kkunsidrata bħala proċess li l-prinċipji tiegħu ta' azzjoni u ta' koperazzjoni huma suġġetti għal żvilupp kontinwu u li l-objettiv ewlieni huwa li jitfasslu l-aħjar mekkaniżmi li jistgħu jiġu applikati għall-istrateġiji makroreġjonali futuri; | 13. Jenfasizza li l-Istrateġija għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku għandha tiġi kkunsidrata bħala proċess li l-prinċipji tiegħu ta' azzjoni u ta' koperazzjoni huma suġġetti għal żvilupp kontinwu u li l-objettiv ewlieni huwa li jitfasslu l-aħjar mekkaniżmi li jistgħu jiġu applikati għall-istrateġiji makroreġjonali futuri; ***jenfasizza, f'dan ir-rigward, l-importanza li jiġu promossi inizjattivi ta' suċċess bl-għan li jintużaw biex jipprovdu informazzjoni għal strateġiji makroreġjonali futuri;*** |

Or. ro

**Emenda 72**
**Riikka Manner**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 14. Jinsab konvint li l-koperazzjoni territorjali żviluppata fl-ambitu tal-istrateġiji makroreġjonali tista' tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għat- | 14. Jinsab konvint li l-koperazzjoni territorjali żviluppata fl-ambitu tal-istrateġiji makroreġjonali tista' tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għat- |

| | |
|---|---|
| tisħiħ tal-proċess ta' integrazzjoni permezz ta' żieda fil-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet u permezz tal-implimentazzjoni ta' azzjonijiet konkreti; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li l-istrateġiji markoreġjonali għandhom jikkunsidraw id-dimensjoni soċjali, kulturali u xjentifika; | tisħiħ tal-proċess ta' integrazzjoni permezz ta' żieda fil-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet u permezz tal-implimentazzjoni ta' azzjonijiet konkreti; jenfasizza, f'dan ir-rigward, ***b'mod partikolari,*** li l-istrateġiji markoreġjonali għandhom jikkunsidraw id-dimensjoni soċjali, kulturali u xjentifika; |

Or. en

**Emenda 73**
**Jacek Olgierd Kurski, Tomasz Piotr Poręba, Marek Henryk Migalski, Mirosław Piotrowski**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 14. Jinsab konvint li l-koperazzjoni territorjali żviluppata fl-ambitu tal-istrateġiji makroreġjonali tista' tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għat-tisħiħ tal-proċess ta' integrazzjoni permezz ta' żieda fil-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet u permezz tal-implimentazzjoni ta' azzjonijiet konkreti; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li l-istrateġiji markoreġjonali għandhom jikkunsidraw id-dimensjoni soċjali, kulturali u xjentifika; | 14. Jinsab konvint li l-koperazzjoni territorjali żviluppata fl-ambitu tal-istrateġiji makroreġjonali tista' tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għat-tisħiħ tal-proċess ta' integrazzjoni permezz ta' żieda fil-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet u permezz tal-implimentazzjoni ta' azzjonijiet konkreti; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li l-istrateġiji markoreġjonali għandhom jikkunsidraw id-dimensjoni soċjali, kulturali***, edukattiva*** u xjentifika; |

Or. pl

**Emenda 74**
**Richard Seeber**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 14. Jinsab konvint li l-koperazzjoni | 14. Jinsab konvint li l-koperazzjoni |

| | |
|---|---|
| territorjali żviluppata fl-ambitu tal-istrateġiji makroreġjonali tista' tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għat-tisħiħ tal-proċess ta' integrazzjoni permezz ta' żieda fil-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet u permezz tal-implimentazzjoni ta' azzjonijiet konkreti; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li l-istrateġiji markoreġjonali għandhom jikkunsidraw id-dimensjoni soċjali, kulturali u xjentifika; | territorjali żviluppata fl-ambitu tal-istrateġiji makroreġjonali tista' tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għat-tisħiħ tal-proċess ta' integrazzjoni permezz ta' żieda fil-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet u permezz tal-implimentazzjoni ta' azzjonijiet konkreti; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li l-istrateġiji markoreġjonali għandhom jikkunsidraw id-dimensjoni soċjali, ***ekonomika,*** kulturali u xjentifika; |

Or. de

**Emenda 75**
**Tamás Deutsch**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 14. Jinsab konvint li l-koperazzjoni territorjali żviluppata fl-ambitu tal-istrateġiji makroreġjonali tista' tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għat-tisħiħ tal-proċess ta' integrazzjoni permezz ta' żieda fil-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet u permezz tal-implimentazzjoni ta' azzjonijiet konkreti; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li l-istrateġiji markoreġjonali għandhom jikkunsidraw id-dimensjoni soċjali, kulturali u xjentifika; | 14. Jinsab konvint li l-koperazzjoni territorjali żviluppata fl-ambitu tal-istrateġiji makroreġjonali tista' tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għat-tisħiħ tal-proċess ta' integrazzjoni permezz ta' żieda fil-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet u permezz tal-implimentazzjoni ta' azzjonijiet konkreti; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li l-istrateġiji markoreġjonali għandhom jikkunsidraw id-dimensjoni soċjali, kulturali u xjentifika, ***u, sabiex jissaħħu l-parteċipazzjoni u s-sussidjarjetà tas-soċjetà ċivili lokali, iqis li huwa importanti wkoll li jiġu promossi strateġiji makroreġjonali billi jiġu stabbiliti raggruppamenti Ewropej għall-koperazzjoni territorjali (EGTCs - European Grouping of Territorial Cooperation)***; |

Or. hu

**Emenda 76**
**Manfred Weber**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 15. Jenfasizza li huwa importanti li wieħed ikompli jippromwovi l-iżvilupp fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-tagħlim u r-riċerka, u jħeġġeġ lill-Istati Membri biex jikkoperaw iktar mill-qrib ***għal dak l-għan***; | 15. Jenfasizza li huwa importanti li wieħed ikompli jippromwovi l-iżvilupp fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-tagħlim u r-riċerka, u jħeġġeġ lill-Istati Membri biex jikkoperaw iktar mill-qrib ***partikolarment f'dawn l-oqsma msemmija; jirrikonoxxi li fl-edukazzjoni, mingħajr dubju l-koperazzjoni tista' tkun tassew ta' benefiċċju, iżda li l-awtorità rilevanti għandha tibqa' tal-Istati Membri;*** |

Or. de

**Emenda 77**
**François Alfonsi, Ian Hudghton, Elisabeth Schroedter**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 15. Jenfasizza li huwa importanti li wieħed ikompli jippromwovi l-iżvilupp fl-oqsma ***tal-edukazzjoni***, it-tagħlim u r-riċerka, u jħeġġeġ lill-Istati Membri biex jikkoperaw iktar mill-qrib għal dak l-għan; | 15. Jenfasizza li huwa importanti li wieħed ikompli jippromwovi l-iżvilupp fl-oqsma ***tal-kultura, l-edukazzjoni***, it-tagħlim u r-riċerka, u jħeġġeġ lill-Istati Membri biex jikkoperaw iktar mill-qrib għal dak l-għan; |

Or. fr

**Emenda 78**
**Danuta Maria Hübner**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 15. Jenfasizza li huwa importanti li wieħed ikompli jippromwovi l-iżvilupp fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-tagħlim ***u r-riċerka***, u jħeġġeġ lill-Istati Membri biex jikkoperaw iktar mill-qrib għal dak l-għan; | 15. Jenfasizza li huwa importanti li wieħed ikompli jippromwovi l-iżvilupp fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-tagħlim***, ir-riċerka u l-innovazzjoni***, u jħeġġeġ lill-Istati Membri biex jikkoperaw iktar mill-qrib għal dak l-għan |

Or. en

**Emenda 79**
**Tamás Deutsch**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 15. Jenfasizza li huwa importanti li wieħed ikompli jippromwovi l-iżvilupp fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-tagħlim u r-riċerka, u jħeġġeġ lill-Istati Membri biex jikkoperaw iktar mill-qrib għal dak l-għan; | 15. Jenfasizza li huwa importanti li wieħed ikompli jippromwovi l-iżvilupp fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-tagħlim u r-riċerka, u jħeġġeġ lill-Istati Membri biex jikkoperaw iktar mill-qrib għal dak l-għan; ***jirrakkomanda t-tisħiħ tal-approċċ strateġiku u l-ippjanar fit-tul fir-rigward tal-makroreġjuni. F'dan ir-rigward, huwa importanti li jiġu definiti u diskussi b'mod estensiv l-immaġni futura li l-makroreġjun jixtieq jippromwovi u l-iżviluppi strateġiċi li jixtieq jimplimenta sabiex jikseb dan;*** |

Or. hu

**Emenda 80**
**François Alfonsi, Ian Hudghton, Elisabeth Schroedter**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 16. Jenfasizza, filwaqt li jikkunsidra l-prinċipju ta' sussidjarjetà u l-possibilitajiet ta' koperazzjoni fil-livelli lokali u reġjonali, li huwa essenzjali li titwaqqaf struttura ta' koperazzjoni effikaċi f'diversi livelli; | 16. Jenfasizza, filwaqt li jikkunsidra l-prinċipju ta' sussidjarjetà***, li skontu l-Unjoni għandha taġġixxi jekk l-objettivi tal-azzjoni proposta ma jkunux jistgħu jintlaħqu suffiċjentement mill-Istati Membri,*** u l-possibilitajiet ta' koperazzjoni fil-livelli lokali u reġjonali, li huwa essenzjali li titwaqqaf struttura ta' koperazzjoni effikaċi f'diversi livelli***, li tikkapitalizza dawn l-opportunitajiet ġodda ta' koperazzjoni f'dawn l-oqsma funzjonali filwaqt li jiġu rispettati l-istituzzjonijiet lokali u reġjonali***; |

Or. en

**Emenda 81**
**Vasilica Viorica Dăncilă**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 16. Jenfasizza, filwaqt li jikkunsidra l-prinċipju ta' sussidjarjetà u l-possibilitajiet ta' koperazzjoni fil-livelli lokali u reġjonali, li huwa essenzjali li titwaqqaf struttura ta' koperazzjoni effikaċi f'diversi livelli; | 16. Jenfasizza, filwaqt li jikkunsidra l-prinċipju ta' sussidjarjetà u l-possibilitajiet ta' koperazzjoni fil-livelli lokali u reġjonali, li huwa essenzjali li titwaqqaf struttura ta' koperazzjoni effikaċi f'diversi livelli ***permezz tal-promozzjoni ta' sħubiji settorjali, b'laqgħat regolari ta' persuni kompetenti li jfasslu l-politiki, li għandhom isaħħu r-responsabilità kondiviża bejn l-entitajiet imsieħba varji***; |

Or. ro

**Emenda 82**
**Richard Seeber**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 16. Jenfasizza, filwaqt li jikkunsidra l-prinċipju ta' sussidjarjetà u l-possibilitajiet ta' koperazzjoni fil-livelli lokali u reġjonali, li huwa essenzjali li titwaqqaf struttura ta' koperazzjoni effikaċi f'diversi livelli; | 16. Jenfasizza, filwaqt li jikkunsidra l-prinċipju ta' sussidjarjetà u l-possibilitajiet ta' koperazzjoni fil-livelli lokali u reġjonali, li huwa essenzjali li titwaqqaf struttura ta' koperazzjoni effikaċi f'diversi livelli ***billi tiġi protetta s-sovranità organizzattiva tal-Istati Membri u r-reġjuni***; |

Or. de

**Emenda 83**
**Manfred Weber**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 16. Jenfasizza, filwaqt li jikkunsidra l-prinċipju ta' sussidjarjetà u l-possibilitajiet ta' koperazzjoni fil-livelli lokali u reġjonali, li huwa essenzjali li titwaqqaf struttura ta' koperazzjoni effikaċi f'diversi livelli; | 16. Jenfasizza, filwaqt li jikkunsidra l-prinċipju ta' sussidjarjetà u l-possibilitajiet ta' koperazzjoni fil-livelli lokali u reġjonali, li huwa essenzjali li titwaqqaf struttura ta' koperazzjoni effikaċi f'diversi livelli ***bħala parti mill-istrutturi eżistenti***; |

Or. de

**Emenda 84**
**Marie-Thérèse Sanchez-Schmid**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 16. Jenfasizza, filwaqt li jikkunsidra l- | 16. Jenfasizza, filwaqt li jikkunsidra l- |

| | |
|---|---|
| prinċipju ta' sussidjarjetà u l-possibilitajiet ta' koperazzjoni fil-livelli lokali u reġjonali, li huwa essenzjali li titwaqqaf struttura ta' koperazzjoni effikaċi f'diversi livelli; | prinċipju ta' sussidjarjetà u l-possibilitajiet ta' koperazzjoni fil-livelli lokali u reġjonali, li huwa essenzjali li titwaqqaf struttura ta' koperazzjoni effikaċi f'diversi livelli; ***f'dan ir-rigward, jappella biex il-mekkaniżmi ta' koperazzjoni transkonfinali stabbiliti fil-livell lokali u reġjonali jiġu mtejba, żviluppati u msaħħa;*** |

Or. fr

**Emenda 85**
**Jacek Olgierd Kurski, Tomasz Piotr Poręba, Marek Henryk Migalski, Mirosław Piotrowski**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16 a (ġdid)**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16a. F'dan il-kuntest, jappella lill-Kummissjoni Ewropea biex toħloq portal speċjali fuq l-internet iddedikat għall-koperazzjoni fil-Baħar Baltiku, li jservi bħala ċentru ta' informazzjoni dwar l-Istrateġija għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku u inizjattivi intergovernattivi, mhux governattivi, reġjonali u lokali, u li jservi wkoll bħala forum għall-iskambju ta' esperjenzi dwar proġetti attwali u futuri ta' gvernijiet ċentrali u lokali, NGOs u entitajiet oħra attivi fir-Reġjun tal-Baħar Baltiku;*** |

Or. pl

**Emenda 86**
**Georgios Stavrakakis, Wojciech Michał Olejniczak**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16 a (ġdid)**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16a. Jenfasizza l-fatt li l-qafas "makroreġjonali" il-ġdid ta' koperazzjoni għandu approċċ qawwi "minn fuq għal isfel" mal-Istati Membri biex ikollu rwol deċiżiv fl-iżvilupp tiegħu u biex joħloq livell ta' governanza ġdid fil-qafas ta' dan il-mudell il-ġdid ta' koperazzjoni għandu jiġi żgurat li n-nuqqasijiet naturali tar-reġjuni periferali jiġu mibdula f'vantaġġi u opportunitajiet, u li jiġi stimulat l-iżvilupp ta' dawn ir-reġjuni;*** |

Or. en

**Emenda 87**
**Tunne Kelam**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. ***Jinsab konvint*** li l-kunċett ta' makroreġjun jiġbor fih potenzjal kbir ħafna f'termini tal-aħjar użu tar-risposti li għandhom jingħataw għall-isfidi u l-problemi ***li jitfaċċaw fuq*** territorju partikolari ***u tal-użu tar-riżorsi disponibbli***; | 17. ***Jinnota*** li l-kunċett ta' makroreġjun ***għandu*** jiġbor fih potenzjal kbir ħafna f'termini tal-aħjar użu tar-risposti li għandhom jingħataw għall-isfidi u l-problemi ***ta'*** territorju partikolari***, billi l-użu tar-riżorsi disponibbli jiġi bbażat fuq l-approċċ finanzjarju fil-livell tal-UE***; |

Or. en

**Emenda 88**
**Vasilica Viorica Dăncilă**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jinsab konvint li l-kunċett ta' | 17. Jinsab konvint li l-kunċett ta' |

| | |
|---|---|
| makroreġjun jiġbor fih potenzjal kbir ħafna f'termini tal-aħjar użu tar-risposti li għandhom jingħataw għall-isfidi u l-problemi li jitfaċċaw fuq territorju partikolari u tal-użu tar-riżorsi disponibbli; | makroreġjun jiġbor fih potenzjal kbir ħafna f'termini tal-aħjar użu tar-risposti li għandhom jingħataw għall-isfidi u l-problemi li jitfaċċaw fuq territorju partikolari u tal-użu tar-riżorsi disponibbli***, u jekk jintużaw il-karatteristiċi partikolari ta' kull reġjun, jistgħu jiġu identifikati soluzzjonijiet għas-settur kollu;*** |

Or. ro

**Emenda 89**
**Victor Boştinaru**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jinsab konvint li l-kunċett ta' makroreġjun jiġbor fih potenzjal kbir ħafna f'termini tal-aħjar użu tar-risposti li għandhom jingħataw għall-isfidi u l-problemi li jitfaċċaw fuq territorju partikolari u tal-użu tar-riżorsi disponibbli; | 17. Jinsab konvint li l-kunċett ta' makroreġjun jiġbor fih potenzjal kbir ħafna f'termini tal-aħjar użu tar-risposti li għandhom jingħataw għall-isfidi u l-problemi li jitfaċċaw fuq territorju partikolari u tal-użu ***effettiv u effiċjenti*** tar-riżorsi disponibbli; |

Or. en

**Emenda 90**
**Joachim Zeller, Markus Pieper, Sabine Verheyen**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. ***Jistenna b'interess kbir ir-riżultati tal-analiżi*** tal-ewwel rapporti uffiċjali u r-rispons marbuta mal-implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-Baħar Baltiku, ***li għandhom jikkontribwixxu biex jiġu identifikati s-sorsi u l-metodi ta' ffinanzjar possibbli għall-istrateġiji*** | 18. ***Jappella lill-Kummissjoni Ewropea biex tanalizza r-riżultati*** tal-ewwel rapporti uffiċjali u r-rispons marbuta mal-implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-Baħar Baltiku, ***sabiex l-eżempju tal-proġett pilota jintuża għal strateġiji makroreġjonali oħra u tintwera*** |

| | |
|---|---|
| ***makroreġjonali, u għandhom jirrappreżentaw sors ta' ispirazzjoni u mudell għall-makroreġjuni l-ġodda***; | ***l-funzjonalità tagħhom;*** |

Or. de

**Emenda 91**
**Richard Seeber**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. Jistenna b'interess kbir ir-riżultati tal-analiżi tal-ewwel rapporti uffiċjali u r-rispons marbuta mal-implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-Baħar Baltiku***, li għandhom jikkontribwixxu biex jiġu identifikati s-sorsi u l-metodi ta' ffinanzjar possibbli għall-istrateġiji makroreġjonali, u għandhom jirrappreżentaw sors ta' ispirazzjoni u mudell għall-makroreġjuni l-ġodda***; | 18. Jistenna b'interess kbir ir-riżultati tal-analiżi tal-ewwel rapporti uffiċjali u r-rispons marbuta mal-implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-Baħar Baltiku; |

Or. de

**Emenda 92**
**Riikka Manner**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. Jistenna b'interess kbir ir-riżultati tal-analiżi tal-ewwel rapporti uffiċjali u r-rispons marbuta mal-implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-Baħar Baltiku, li għandhom ***jikkontribwixxu biex jiġu identifikati*** s-sorsi u l-metodi ta' ffinanzjar possibbli għall-istrateġiji makroreġjonali, u għandhom jirrappreżentaw sors ta' ispirazzjoni u mudell għall-makroreġjuni l- | 18. Jistenna b'interess kbir ir-riżultati tal-analiżi tal-ewwel rapporti uffiċjali u r-rispons marbuta mal-implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-Baħar Baltiku, li għandhom ***jgħinu biex jiġu ppjanati*** s-sorsi u l-metodi ta' ffinanzjar possibbli għall-istrateġiji makroreġjonali, u għandhom jirrappreżentaw sors ta' ispirazzjoni u mudell għall-makroreġjuni l- |

| | |
|---|---|
| ġodda; | ġodda; |

Or. en

**Emenda 93**
**François Alfonsi, Ian Hudghton, Elisabeth Schroedter**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. Jistenna b'interess kbir ir-riżultati tal-analiżi tal-ewwel rapporti uffiċjali u r-rispons marbuta mal-implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-Baħar Baltiku, li għandhom jikkontribwixxu biex jiġu identifikati s-sorsi u l-metodi ta' ffinanzjar possibbli għall-istrateġiji makroreġjonali, u għandhom jirrappreżentaw sors ta' ispirazzjoni u mudell għall-makroreġjuni l-ġodda; | 18. Jistenna b'interess kbir ir-riżultati tal-analiżi tal-ewwel rapporti uffiċjali u r-rispons marbuta mal-implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-Baħar Baltiku, li għandhom jikkontribwixxu biex jiġu identifikati s-sorsi u l-metodi ta' ffinanzjar possibbli għall-istrateġiji makroreġjonali, u għandhom jirrappreżentaw sors ta' ispirazzjoni u mudell għall-makroreġjuni l-ġodda, ***filwaqt li jenfasizza madankollu li l-iżvilupp ta' makroreġjuni huwa essenzjalment miżura kumplimentari li m'għandhiex l-għan li tissostitwixxi l-finanzjar mill-UE ta' programmi individwali lokali u reġjonali bħala l-prijorità tal-interventi***; |

Or. en

**Emenda 94**
**Joachim Zeller, Markus Pieper, Sabine Verheyen**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***19. Jenfasizza li huwa importanti, fid-dawl tal-funzjonament tajjeb tal-istrateġiji makroreġjonali futuri, li l-Kummissjoni tirregola l-kwistjoni tar-riżorsi umani u finanzjarji tagħha stess li teħtieġ;*** | ***imħassar*** |

Or. de

**Emenda 95**
**Richard Seeber**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***19. Jenfasizza li huwa importanti, fid-dawl tal-funzjonament tajjeb tal-istrateġiji makroreġjonali futuri, li l-Kummissjoni tirregola l-kwistjoni tar-riżorsi umani u finanzjarji tagħha stess li teħtieġ;*** | ***imħassar*** |

Or. de

**Emenda 96**
**Victor Boştinaru**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 19. Jenfasizza li huwa importanti, fid-dawl tal-funzjonament tajjeb tal-istrateġiji makroreġjonali futuri, li l-Kummissjoni tirregola l-kwistjoni ***tar-riżorsi*** umani u finanzjarji ***tagħha stess*** *li teħtieġ*; | 19. Jenfasizza li huwa importanti, fid-dawl tal-funzjonament tajjeb tal-istrateġiji makroreġjonali futuri, li l-Kummissjoni ***tiżgura li*** tirregola l-kwistjoni ***li jkollha riżorsi*** umani u finanzjarji *adegwati*, ***sabiex tkun tista' taqdi dmirijietha, inkluż il-kontroll tal-implimentazzjoni tal-istrateġiji;*** |

Or. en

**Emenda 97**
**László Surján**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 19. Jenfasizza li huwa importanti, fid-dawl tal-funzjonament tajjeb tal-istrateġiji makroreġjonali futuri, li l-Kummissjoni tirregola l-kwistjoni tar-riżorsi umani u finanzjarji tagħha stess li teħtieġ; | 19. Jenfasizza li huwa importanti, fid-dawl tal-funzjonament tajjeb tal-istrateġiji makroreġjonali futuri, li l-Kummissjoni tirregola l-kwistjoni tar-riżorsi umani u finanzjarji tagħha stess li teħtieġ ***billi tevita xogħol doppju, u billi tirrevedi l-prijoritajiet il-ġodda filwaqt li talloka ir-riżorsi, abbażi ta' din ir-reviżjoni, għal ħtiġijiet speċjalizzati u rekwiżiti ta' għarfien espert li għandhom jiġu ssodisfati***; |

Or. en

**Emenda 98**
**François Alfonsi, Ian Hudghton, Elisabeth Schroedter**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 19. Jenfasizza li huwa importanti, fid-dawl tal-funzjonament tajjeb tal-istrateġiji makroreġjonali futuri, li l-Kummissjoni tirregola l-kwistjoni tar-riżorsi umani u finanzjarji tagħha stess li teħtieġ; | 19. Jenfasizza li huwa importanti, fid-dawl tal-funzjonament tajjeb tal-istrateġiji makroreġjonali futuri, li l-Kummissjoni tirregola l-kwistjoni tar-riżorsi umani u finanzjarji tagħha stess li teħtieġ***, sabiex, fost l-oħrajn, dawn l-istrateġiji jiġu antiċipati fir-reġjuni kkonċernati abbażi tar-realtajiet territorjali***; |

Or. fr

**Emenda 99**
**Manfred Weber**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 19. Jenfasizza li huwa importanti, fid-dawl tal-funzjonament tajjeb tal-istrateġiji makroreġjonali futuri, li l-Kummissjoni tirregola l-kwistjoni tar-riżorsi umani u finanzjarji tagħha stess li teħtieġ; | 19. Jenfasizza li huwa importanti, fid-dawl tal-funzjonament tajjeb tal-istrateġiji makroreġjonali futuri, li l-Kummissjoni tirregola l-kwistjoni tar-riżorsi umani u finanzjarji tagħha stess li teħtieġ; ***jiġbed l-attenzjoni dwar il-fatt li l-Kummissjoni tista' tipprovdi lill-Istati Membri parteċipanti bi spunt għal suġġetti ta' interess Ewropew u tappoġġjahom fit-tfassil ta' strateġija, tinnegozja alleanzi ġodda li għandhom jissawru matul il-fażi ta' implimentazzjoni, taqdi funzjoni ta' konsulent u tintalab mill-Istati Membri biex taġixxi bħala koordinatur;*** |

Or. de

**Emenda 100**
**Manfred Weber**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| ***21. Jitlob lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-membri tiegħu stess biex jagħtu definizzjoni lin-natura li jkun tajjeb li tingħata lill-istrateġiji makroreġjonali u l-metodu li jkun tajjeb li jintuża għall-programmazzjoni tagħhom (bħala programmi separati jew fl-ambitu tal-politika ta' koeżjoni), kif ukoll biex jistabbilixxu min se jkun inkarigat mill-implimentazzjoni tagħhom, liema metodu għandu jintuża għal dan l-għan u minn liema fondi għandhom jiġu allokati l-mezzi neċessarji għall-iffinanzjar tagħhom;*** | ***imħassar*** |

Or. de

**Emenda 101**
**Richard Seeber**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 21. Jitlob lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-membri tiegħu stess biex jagħtu definizzjoni lin-natura li jkun tajjeb li tingħata lill-istrateġiji makroreġjonali u l-metodu li jkun tajjeb li jintuża għall-programmazzjoni tagħhom (bħala programmi separati jew fl-ambitu tal-politika ta' koeżjoni), kif ukoll biex jistabbilixxu min se jkun inkarigat mill-implimentazzjoni tagħhom**,** liema metodu għandu jintuża għal dan l-għan ***u minn liema fondi għandhom jiġu allokati l-mezzi neċessarji għall-iffinanzjar tagħhom***; | 21. Jitlob lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-membri tiegħu stess biex jagħtu definizzjoni lin-natura li jkun tajjeb li tingħata lill-istrateġiji makroreġjonali u l-metodu li jkun tajjeb li jintuża għall-programmazzjoni tagħhom (bħala programmi separati jew fl-ambitu tal-politika ta' koeżjoni), kif ukoll biex jistabbilixxu min se jkun inkarigat mill-implimentazzjoni tagħhom ***u*** liema metodu għandu jintuża għal dan l-għan; |

Or. de

**Emenda 102**
**François Alfonsi, Ian Hudghton, Elisabeth Schroedter**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 21. Jitlob lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-membri tiegħu stess biex jagħtu definizzjoni lin-natura li jkun tajjeb li tingħata lill-istrateġiji makroreġjonali u l-metodu li jkun tajjeb li jintuża għall-programmazzjoni tagħhom (bħala programmi separati jew fl-ambitu tal-politika ta' koeżjoni), kif ukoll biex jistabbilixxu min se jkun inkarigat mill-implimentazzjoni tagħhom, liema metodu għandu jintuża għal dan l-għan u minn liema fondi għandhom jiġu allokati l-mezzi neċessarji għall-iffinanzjar tagħhom; | 21. Jitlob lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-membri tiegħu stess biex jagħtu definizzjoni lin-natura li jkun tajjeb li tingħata lill-istrateġiji makroreġjonali u l-metodu li jkun tajjeb li jintuża għall-programmazzjoni ***u l-iskedar*** tagħhom (bħala programmi separati jew fl-ambitu tal-politika ta' koeżjoni), kif ukoll biex jistabbilixxu min se jkun inkarigat mill-implimentazzjoni tagħhom, liema metodu għandu jintuża għal dan l-għan u minn liema fondi għandhom jiġu allokati l-mezzi neċessarji għall-iffinanzjar tagħhom**,** |

***partikolarment fil-kuntest tal-Istrateġija tal-UE għall-2020, ir-reviżjoni tal-baġit tal-UE u l-politika ta' koeżjoni futura***;

Or. en

**Emenda 103**
**Riikka Manner**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 21. Jitlob lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-membri tiegħu stess biex jagħtu definizzjoni lin-natura li jkun tajjeb li tingħata lill-istrateġiji makroreġjonali u l-metodu li jkun tajjeb li jintuża għall-programmazzjoni tagħhom (bħala programmi separati jew fl-ambitu tal-politika ta' koeżjoni), kif ukoll biex jistabbilixxu min se jkun inkarigat mill-implimentazzjoni tagħhom, liema metodu għandu jintuża għal dan l-għan u minn liema fondi għandhom jiġu allokati l-mezzi neċessarji għall-iffinanzjar tagħhom; | 21. Jitlob lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-membri tiegħu stess biex jagħtu definizzjoni lin-natura li jkun tajjeb li tingħata lill-istrateġiji makroreġjonali u l-metodu li jkun tajjeb li jintuża għall-programmazzjoni ***b'mod indaqs*** tagħhom (bħala programmi separati jew fl-ambitu tal-politika ta' koeżjoni), kif ukoll biex jistabbilixxu min se jkun inkarigat mill-implimentazzjoni tagħhom, liema metodu għandu jintuża għal dan l-għan u minn liema fondi għandhom jiġu allokati l-mezzi neċessarji għall-iffinanzjar tagħhom ***sabiex ma jinħolqux irduppjar u frammentazzjoni bla bżonn tal-fondi Komunitarji***; |

Or. en

**Emenda 104**
**Franz Obermayr**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 21. Jitlob lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-membri tiegħu stess biex jagħtu definizzjoni lin-natura li jkun tajjeb li tingħata lill-istrateġiji makroreġjonali u l- | 21. Jitlob lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-membri tiegħu stess biex jagħtu definizzjoni lin-natura li jkun tajjeb li tingħata lill-istrateġiji makroreġjonali u l- |

| | |
|---|---|
| metodu li jkun tajjeb li jintuża għall-programmazzjoni tagħhom (bħala programmi separati jew fl-ambitu tal-politika ta' koeżjoni), kif ukoll biex jistabbilixxu min se jkun inkarigat mill-implimentazzjoni tagħhom, liema metodu għandu jintuża għal dan l-għan u minn liema fondi għandhom jiġu allokati l-mezzi neċessarji għall-iffinanzjar tagħhom; | metodu li jkun tajjeb li jintuża għall-programmazzjoni tagħhom (bħala programmi separati jew fl-ambitu tal-politika ta' koeżjoni), kif ukoll biex jistabbilixxu min se jkun inkarigat mill-implimentazzjoni tagħhom, liema metodu għandu jintuża għal dan l-għan u minn liema fondi għandhom jiġu allokati l-mezzi neċessarji għall-iffinanzjar tagħhom; ***għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-aspett tal-koperazzjoni transnazzjonali;*** |

Or. de

**Emenda 105**
**Manfred Weber**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21 a (ġdid)**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***21a. Jenfasizza li l-valur miżjud Ewropew tal-makroreġjuni jissarraf f'koperazzoni akbar bejn l-istati u r-reġjuni, u għalhekk il-Programmi Ewropej għall-Koperazzjoni Territorjali għall-koperazzjoni transkonfinali, transnazzjonali u interreġjonali huma element ewlieni fl-implimentazzjoni tal-objettivi tal-makroreġjuni; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-fowkus huwa l-koperazzjoni bejn l-istati u r-reġjuni, u l-Programmi Ewropej għall-Koperazzjoni Territorjali huma għalhekk partikolarment adattati biex jintlaħqu l-miri komuni ta' żona akbar; madankollu, ma jeskludix il-possibilità ta' proġetti appoġġjati minn skemi Ewropej oħra ta' żvilupp maħsuba biex jintlaħqu l-miri tal-istrateġiji makroreġjonali għall-iżvilupp skont id-diskrezzjoni tal-Istati Membri;*** |

Or. de

**Emenda 106**
**Jan Olbrycht**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21 a (ġdid)**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***21a. Jipproponi li l-Istrateġija għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku għandha titqies bħala strateġija tal-Unjoni Ewropea, ibbażata fuq diversi politiki tal-UE, li għandu jkollha skadenza u miri definiti; minħabba n-natura orizzontali tagħha,l-istrateġija tista' tiġi ttrattata bħala makroreġjonali u l-koordinazzjoni tagħha tista' tiġi marbuta mal-politika reġjonali;*** |

Or. pl

**Emenda 107**
**Iratxe García Pérez, Ricardo Cortés Lastra**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21 a (ġdid)**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***21a. Jemmen li l-iżvilupp ta' strateġiji fuq skala kbira, bħal strateġiji makroreġjonali, għandu jikkontribwixxi biex jikber ir-rwol tal-livell lokali u reġjonali fl-implimentazzjoni tal-politika tal-UE b'mod aktar ġenerali;*** |

Or. es

**Emenda 108**
**Iratxe García Pérez, Ricardo Cortés Lastra**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21 b (ġdid)**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***21b. Jissuġġerixxi li għandhom ikomplu jiġu żviluppati strateġiji ġodda f'żoni ġeografiċi oħra bħalma huma l-Baċir tad-Danubju, l-Ark Atlantiku, l-Alpi u l-Mediterran, filwaqt li jiġi żgurat li dawn ikollhom l-appoġġ xieraq tal-Istati involuti u tal-istituzzjonijiet Ewropej;*** |

Or. es

**Emenda 109**
**Jacek Olgierd Kurski, Tomasz Piotr Poręba, Marek Henryk Migalski, Mirosław Piotrowski**

**Proposta ta' riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22**

| *Proposta ta' riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 22. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-Riżoluzzjoni lill-Kunsill ***u*** lill-Kummissjoni. | 22. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-Riżoluzzjoni lill-Kunsill***,*** lill-Kummissjoni***, u lill-gvernijiet tal-Federazzjoni Russa u tan-Norveġja***. |

Or. pl